



Brussell, 4 ta' Marzu 2016
(OR. en)

6785/16

LIMITE

JAI 186
CFSP/PESC 180
COSI 34
COPS 66
ENFOPOL 60
COTER 24
SIRIS 36
FRONT 112
CATS 13
EDUC 75

NOTA

minn:	Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu
lil:	Kunsill
Suġġett:	Sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Frar 2015, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ĠAI tal-20 ta' Novembru 2015, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2015

Dan ir-rapport tal-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu jkopri l-progress fil-konfront tal-miżuri kollha stabbiliti fil-konklużjonijiet dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu maqbula mill-Membri tal-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Frar 2015. Huwa jieħu kont ukoll tal-konklużjonijiet tal-Kunsill ĠAI tal-20 ta' Novembru 2015 (dwar it-terroriżmu u dwar it-tisħiħ tar-rispons tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u għall-estremiżmu vjolenti) kif ukoll tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Diċembru 2015.

Id-dokumenti 9422/1/15, 12318/15 u 14734/15 li ġew abbozzati mill-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu (CTC tal-UE) ivvalutaw l-istat tal-implimentazzjoni f'Ġunju, f'Ottubru u f'Novembru 2015.

Mir-rapport jistgħu jinsiltu r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

Europol:

- L-Istati Membri għandhom ikompli jżidu s-sekondar ta' persunal ta' kontra t-terroriżmu biex jappoġġaw iċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu (ECTC). Il-Kummissjoni mistiedna żżid il-baġit tal-ECTC.
- Dawk l-Istati Membri li għadhom ma jikkontribwixxux jew li jikkontribwixxu relattivament ftit għall-Punt Fokali Travellers u għal Punti Fokali oħra tal-Europol kif ukoll għas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS) huma mħeġġa jżidu l-kontributi tagħhom.

PNR:

- L-Istati Membri għandhom jgħaġġlu l-implimentazzjoni nazzjonali tad-direttiva dwar il-PNR ladarba tiġi adottata mill-Kunsill (u mhux jistennew sentejn kif inhu permess mid-direttiva) u għandhom jarmonizzaw l-użu tad-data tal-PNR. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tniedi sejħa taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) biex tiġi appoġġata l-interkonnettività bejn l-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri (PIUs) hi pożittiva. Dawk l-Istati Membri li għadhom ma stabbilixxewx PIUs huma mistiedna jimmobilizzaw parti mill-ISF nazzjonali tagħhom biex jagħmlu dan.

Prüm:

- Dawk l-Istati Membri li għadhom ma stabbilixxewx il-konnessjonijiet operazzjonali kollha possibbli għandhom jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli.

Eurojust:

- L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-assoċjazzjoni tal-Eurojust mal-Punt Fokali Hydra sabiex l-Eurojust tkun tista' ttipprovdi appoġġ fil-ħin u b'mod effiċjenti għal investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet fl-Istati Membri.
- L-Istati Membri huma mħeġġa jżidu l-użu tal-Eurojust biex jiskambjaw informazzjoni u għal kooperazzjoni operazzjonali.
- Il-kooperazzjoni bejn l-Eurojust u l-ECTC għandha tissaħħaħ.

SIS II:

- Fis-SIS II għandha tiġi implimentata funzjoni ta' tiftix għall-marki tas-swaba' mill-aktar fis possibbli.
- L-Istati Membri għandhom iżidu aktar il-kontributi u l-użu tagħhom tas-SIS II.
- L-Europol għandu jiżviluppa funzjoni ta' tiftix sistematiku tas-SIS II mill-aktar fis possibbli.
- Il-Frontex għandha tingħata aċċess għas-SIS II biex titjieb l-analiżi tar-riskju u jinqabad vjaġġar suspettuż.
- L-użu tas-SIS II bħala għodda ta' investigazzjoni għandu jiġi massimizzat.
- Il-ħidma mwettqa mill-Presidenza Netherlandiża biex jiġu identifikati ostakli legali, tekniċi u prattiċi u prattika tajba għall-użu tas-SIS II għandha twassal għal rakkomandazzjonijiet għall-Kunsill ĠAI ta' Ġunju.

Eurodac:

- L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol għandhom jikkonnettjaw b'mod sħiħ mal-Eurodac u għandhom ikunu jistgħu jfittxu fil-Eurodac biex jipprevjenu, jaqbd u jinvestigaw kriminalità serja u reati terroristiċi.

Interpol:

- Dawk l-Istati Membri li għadhom ma stabbilixxewx konnessjoni elettronika mal-ġhodod tal-Interpol fil-punti ta' qsim kollha tal-fruntieri esterni tagħhom għandhom jaġhmlu dan mill-aktar fis possibbli.
- Il-Kummissjoni mistiedna tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex tiġi żgurata l-kwalità tad-data SLTD.

Sigurtà fil-fruntieri:

- Il-progress tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-verifiki sistematiċi meħtieġa fuq ċittadini tal-UE għandu jitkejjel. L-Istati Membri huma mistiedna jaġġornaw it-teknoloġija, fejn meħtieġ.
- Ir-reġistrazzjoni u l-kontrolli ta' sigurtà tal-bażijiet ta' data rilevanti fil-hotspots jeħtieġ jiżdiedu bħala kwistjoni ta' prijorità (teknoloġija, persunal, proċessi).
- L-Istati Membri għandhom jipprovdu esperti addizzjonali biex jappoġġaw lill-Frontex fil-kontroverifiki sistematiċi tal-informazzjoni fil-hotspots u lill-Europol għall-verifiki tat-tieni linja.
- Il-qbid ta' passaporti vojta ffalsifikati għandu jkun prijorità fil-hotspots u f'punti ta' dħul oħra tal-migranti.
- L-iskambju sistematiku ta' data personali bejn l-Europol u l-Frontex għandu jseħħ mill-aktar fis possibbli.

UE-IRU:

- L-Istati Membri u l-Europol għandhom jaħdmu flimkien biex iżidu l-volum ta' indikazzjonijiet tal-Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet (IRU) tal-Europol.

Programmi ta' Riabilitazzjoni:

- L-Istati Membri huma mistiedna jużaw il-fondi tal-Kummissjoni għall-iżvilupp ta' programmi ta' riabilitazzjoni

Ħarsa ġenerali

Ir-rapport juri li filwaqt li qed isir progress fl-oqsma kollha, jenħtieġ aktar titjib urġenti fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni u s-sigurtà tal-fruntieri.

Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni operazzjonali permezz tal-Europol u l-Eurojust tjiebu b'mod konsiderevoli fl-2015 meta mqabbel mal-2014, u anke mill-aħħar Kunsill ĠAI tal-4 ta' Diċembru 2015 'l hawn. Il-konnettività ta' kważi l-Istati Membri kollha mal-konfigurazzjoni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu tan-netwerk SIENA tal-Europol issa ġiet stabbilita (it-3 Stati Membri li fadal għandhom jiġu kkonnettjati f'Marzu 2016).

Madankollu, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni xorta għadha ma tirriflettix it-theddida: filwaqt li l-entitajiet persuna fil-bażi ta' data tal-**Punt Fokali Travellers tal-Europol** issa żdiedu b'ħames darbiet meta mqabbel mas-sena li għaddiet, il-fajl tal-analiżi għad fih biss 2,786 ġellied terrorist barrani (FTF) imdaħħla mill-Istati Membri tal-UE Is-**Sistema tal-Informazzjoni Ewropea (EIS)** fiha biss 1,473 FTFs mdaħħla mill-Istati Membri. Dan minkejja li huwa ġustifikament stmat li madwar 5,000 ċittadin tal-UE vjaġġaw lejn is-Sirja u l-Iraq biex jissieħbu ma' DAESH u ma' gruppi estremisti oħra. Għandu jiġi nnotat ukoll li aktar minn 90% tal-kontributi mill-Istati Membri dwar FTFs ivverifikati fil-Punt Fokali Travellers fl-2015, joriġinaw minn 5 Stati Membri biss. Mhux l-FTFs kollha jiddaħħlu sistematikament fis-**SIS II** u fl-**EIS** tal-Europol. **Il-konnessjonijiet ta' Prüm** żdiedu mill-Kunsill ĠAI ta' Diċembru 'l hawn, iżda jenħtieġ aktar progress. Barra minn hekk, jenħtieġ titjib fil-kwalità tad-data (definiżjonijiet u formati komuni) kif ukoll użu uniformi tas-sistemi (b'mod partikolari meta jiddaħħlu l-allerti tas-SIS II).

Fl-2015 fl-Eurojust ġew reġistrati biss 18-il każ ta' FTFs operazzjonali u ġiet kondiviża informazzjoni mal-Eurojust dwar 104 prosekuzzjonijiet biss ta' terroriżmu attwali. Dan minkejja l-fatt li, skont id-Deċiżjoni rilevanti tal-Kunsill, l-Istati Membri għandhom jikkondividu mal-Eurojust informazzjoni dwar il-prosekuzzjonijiet kollha.

It-**Task Force Fraternité** fl-Europol, stabbilita fuq talba tal-awtoritajiet Françizi biex jiġu appoġġati l-investigazzjonijiet wara l-attakki ta' Novembru 2015 f'Pariġi, tista' tkun mudell għal kif iċ-Ċentru Ewropew Kontra t-Terroriżmu fi ħdan l-Europol - li tnieda f'Jannar 2016 - jista' jappoġġa lill-Istati Membri f'investigazzjonijiet ta' kontra t-terroriżmu fil-futur. Diversi Stati Membri diġà hađu l-impenn li jissekondaw esperti għat-Task Force u għat-Timijiet Konġunti ta' Kollegament li jappoġġaw il-ħidma tal-ECTC. Għalissa, l-ebda kariga addizzjonali mhi bbaġitjata fis-sena finanzjarja 2016 fir-rigward tal-istabbiliment tal-ECTC u l-kapaċitajiet ta' appoġġ prinċipali tiegħu, b'mod partikolari l-Unità tal-UE ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet (IRU) u n-Netwerk ta' Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (FIU.NET).

Il-ħidma għall-**interoperabbiltà tal-bażijiet ta' data rilevanti tal-UE** għall-fini tal-**kontrolli ta' sigurtà**, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew, hija prijorità. Minħabba li minn meta nħolqu l-bażijiet ta' data, l-ambjent tas-sigurtà u tat-theddid inbidel, it-teknoloġija tgiebet u l-qafas legali tal-UE huwa differenti, hija meħtieġa riflessjoni fil-fond. Din ser tkun diskussjoni kumplessa, fejn l-UE ser tkun meħtieġa tiddefinixxi l-"interoperabbiltà" u l-livell ta' ambizzjoni. Ir-reviżjoni tal-qafas legali rilevanti tas-SIS II u tal-Eurodac (fejn huma mistennija proposti mill-Kummissjoni din is-sena) ser tkun importanti. Is-SIS (fil-livell nazzjonali) għandha tintuża aktar u aktar bħala għodda mtejbja biex tappoġġa l-investigazzjonijiet aktar milli tkun limitata għal strument li jappoġġa l-kontrolli ta' sigurtà. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol għandhom jikkonnettjaw b'mod sħiħ mal-Eurodac u għandhom ikunu jistgħu jfittxu fl-Eurodac biex jipprevjenu, jaqbdu u jinvestigaw kriminalità serja u reati terroristiċi. Il-Kummissjoni qed tħejji biex timplimenta l-funzjonalità tal-marki tas-swaba' għall-finijiet ta' identifikazzjoni li jirrikjedi l-istabbiliment ta' sistema awtomatika għar-rikonossiment tal-marki tas-swaba'.

Il-konnettività tal-Europol u l-Frontex mal-bażijiet ta' data tal-UE hija prijorità stabbilita fil-konklużjonijiet tal-20 ta' Novembru, iżda tibqa' sfida. F'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-Europol qed jaħdem biex itejjeb l-aċċess u l-użu tiegħu tas-SIS II, biex jippermetti tiftix bil-lott fil-bażijiet ta' data tagħha u bidla minn użu manwali ad hoc tas-SIS II għal użu sistematiku. L-Europol qed jiżviluppa wkoll proposta biex jistabbilixxi aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u għall-Eurodac (li għadu mhux ikkonnettjat magħhom).

Il-kondiviżjoni ta' data personali bejn l-Europol u l-Frontex issa hija possibbli billi l-ftehim operazzjonali ġie konkluż. Għadhom qed jiġu żviluppati l-modalitajiet qabel ma l-kondiviżjoni ta' data personali tista' tkun sistematika.

Fir-rigward tas-**sigurtà fil-fruntieri esterni**, sa Marzu 2016, mhux l-Istati Membri kollha kienu għamlu konnessjoni elettronika mal-bażijiet ta' data rilevanti tal-Interpol fil-punti ta' qsim kollha tal-fruntieri esterni tagħhom u mhux kollha kienu jagħmlu screening awtomatiku tad-dokumenti tal-ivvjaġġar. L-Istati Membri huma mħeġġa jdaħħlu sistematikament l-FTFs kollha fis-SIS II. Dan huwa meħtieġ għat-titjib tas-sistema, inkluż għat-tixrid ta' informazzjoni ta' kwalità aħjar fl-allert innifsu u fid-data supplimentari. Abbażi tat-tweġibiet mill-Istati Membri għall-kwestjonarju tal-Presidenza, attwalment l-isfidi jinkludu: il-kompatibbiltà tal-allerti għal kontrolli diskreti u kontrolli speċifiċi mal-kategoriji l-oħra ta' allerti u l-informazzjoni dwar riżultat pożittiv ('hit') ta' allerti bħal dawn; l-inkompabbiltà tal-allerti tal-Art. 36 mal-allerti tal-Art. 26 (meta jkun inħareġ Mandat ta' Arrest Ewropew għal FTF fi Stat Membru ieħor, is-servizz li joħroġ allert tal-Art. 36 mhux ser jiġi informat); l-użu differenti mill-Istati Membri tal-allerti tal-Art. 36(2) u tal-Art. 36(3) għall-FTFs; in-nuqqas ta' bażi possibbli għal arrest fil-każ ta' kontroll diskret għal FTF abbażi tal-Art. 36(3), u n-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-allert (li joħloq diffikultajiet biex issir distinzjoni bejn FTFs u reati kriminali oħra).

Barra minn hekk, id-differenza bejn iċ-ċifri rigward l-allerti fis-SIS II (abbażi tal-Art. 36(3) għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali din ammontat għal 7,945 entrata fil-31 ta' Diċembru 2015) u n-numru mdaħħal mill-Istati Membri tal-UE fl-EIS (1,473 FTF sal-aħħar ta' Jannar 2016) tissottolinja n-nuqqas ta' koerenza bejn is-sistemi. L-entrati kollha mill-Istati Membri fis-SIS II dwar FTF għandhom ukoll jiġu ttrasferiti, awtomatikament, għall-EIS. Informazzjoni addizzjonali aktar sensittiva għandha tkun kondiviża għal finijiet ta' analiżi mal-Punt Fokali Travellers tal-Europol (li jippermetti li l-kontributur ikollu kontroll sħiħ fuq is-sjieda tad-data).

Filwaqt li l-**kontrolli ta' sigurtà u r-reġistrazzjoni fil-hotspots** tjiebu, jenħtieġ aktar progress. L-iskjerament ta' uffiċjali taħt il-koordinazzjoni tal-Europol, skont il-konklużjonijiet tal-20 ta' Novembru 2015, biex il-kontrolli ta' sigurtà jitjiebu, qed jitħejja u ser jeħtieġ appoġġ mill-Istati Membri, inkluż permezz tal-iskjerament ta' persunal b'esperjenza bħala esperti nazzjonali ssekondati kif ukoll il-finanzjament meħtieġ għall-Europol. Il-passaporti vojta misruqa fis-Sirja u l-Iraq u mbagħad użati minn DAESH huma ta' tħassib serju. Meħtieġa azzjoni urġenti biex din il-problema tiġi indirizzata. Franza ssuġġeriet li jiġi esplorat kif timijiet speċjali ddedikati għall-qbid ta' dawn il-passaporti vojta (dokumenti ffalsifikati) jistgħu jiġu skjerati fil-hotspots u f'punti ta' dħul oħra tal-migranti.

Esperti ta' dokumenti f'livell avanzat fi ħdan Frontex (ALDOs) diġà ġew skjerati fil-hotspots kollha u qed jaħdmu direttament mat-timijiet tal-iscreening biex jgħinu fil-proċeduri ta' identifikazzjoni. Ser ikun ukoll importanti li **jitkejjel il-progress lejn il-verifiki awtomatiċi u sistematiċi meħtieġa** tal-bażijiet ta' data rilevanti li għandhom isiru mill-Istati Membri fil-fruntieri esterni tal-UE.

Qed isir progress fuq diversi fronti fir-rigward tal-**armi tan-nar**, inkluż żieda fl-għadd ta' Stati Membri li jipparteċipaw fil-priorità tal-armi tan-nar skont iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE (minn 13 sa 20). Il-koordinazzjoni tad-diversi inizjattivi ser tkun importanti. Madankollu, jenħtieġ li aktar Stati Membri jipparteċipaw fil-proġett pilota biex tinholq entrata waħda u interfaċċa ta' tiftix waħda bejn it-taqsima tal-armi tan-nar f'SIS II u l-bażi ta' data i-arms tal-Interpol (s'issa żewġ Stati Membri biss huma involuti).

Il-Programm dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP) huwa ta' valur sinifikanti għar-rintraċċar ta' attivitajiet li jiffinanzjaw it-terroriżmu. Madankollu, billi t-transazzjonijiet tas-SEPA ma jaqgħux fl-ambitu tat-TFTP, fi żmien debitu għandha tiġi kkunsidrata sistema tal-UE komplementari għat-TFTP, kif huwa wkoll issuġġerit mill-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-finanzjament tat-terroriżmu (maħruġ fil-bidu ta' Frar 2016).

Filwaqt li l-Kummissjoni għamlet il-finanzjament disponibbli biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' **programmi ta' riabilitazzjoni** kemm ġewwa kif ukoll barra l-ħabsijiet, ftit Stati Membri ppreżentaw applikazzjoni għal din l-ewwel sejħa. Dawn jiffokaw prinċipalment fuq metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju. F'nofs l-2016 il-Kummissjoni ser toħroġ sejħa oħra li minnha jkunu jistgħu jibbenefikaw l-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, l-**azzjonijiet biex tingħeleb il-propaganda terroristika żdiedu** (eż. permezz tal-ħidma tal-EU IRU fl-Europol u miżuri awtoregulatorji korrispondenti minn fornituri tas-servizz tal-internet). Iżda jenħtieġu aktar sforzi biex jiżdied il-volum ta' indikazzjonijiet li jsiru għall-pjattaformi tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.

Deskrizzjoni dettaljata ta' attivitajiet reċenti u ppjanati relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra l-estremiżmu vjolenti (CT/CVE)

Werrej

I. ŻGURAR TAS-SIGURTÀ TAĊ-ĊITTADINI

1. PNR 12

2. Kondiviżjoni ta' informazzjoni u kooperazzjoni operazzjonali 12

(Europol; Prüm; Żgurar tal-interoperabbiltà tal-bażijiet ta' data rilevanti fir-rigward tal-kontrolli ta' sigurtà; Approċċ strutturat u multilaterali għal kooperazzjoni operazzjonali dwar theddid terroristiku; Aġġornament tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu; Aġġornament tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS); Eurojust)

3. Kontrolli fil-fruntieri esterni 20

(Reviżjoni mmirata tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen; Bażi legali soda għall-kontribut ta' Frontex għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata u aċċess għall-bażijiet ta' data rilevanti; Dħul ta' data fis-SIS II u l-użu tagħha; il-bijometriċi tas-SIS II; Użu tal-bażijiet ta' data tal-Interpol; Implimentazzjoni tal-indikaturi komuni tar-riskju (CRI); Implimentazzjoni tal-aspetti ta' sigurtà tal-hotspots/Frontex; Ġestjoni tal-kriżi tal-migrazzjoni permezz tal-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) - Sigurtà u l-hotspots; Kooperazzjoni bejn Frontex-Europol-Eurojust / kontrolli ta' sigurtà rigward il-migranti)

4. Armi tan-nar u esplożivi 28

5. Servizzi ta' Sigurtà 29

6. Ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu 30

(TFTP bejn l-UE u l-Istati Uniti; FIU.net)

7. Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Infommazzjoni (NIS)..... 32
8. Evidenza elettronika 33

II. PREVENZZJONI TAR-RADIKALIZZAZZJONI U SALVAGWARDJAR TAL-VALURI

1. Prevenzzjoni - ġenerali..... 34

(Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN) Ċentru ta' Eċċellenza)
2. Internet..... 35

(Unità tal-UE ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet (IRU); Forum tal-EU dwar l-Internet; Grupp Konsultattiv għall-Komunikazzjoni Strateġika dwar is-Sirja (SSCAT))
3. Rispons tal-Ġustizzja Kriminali għar-radikalizzazzjoni..... 37
4. Prevenzzjoni tar-radikalizzazzjoni permezz tal-edukazzjoni, promozzjoni tat-tolleranza u ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu u l-ksenofobija 39

(Edukazzjoni; Ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija; Indirizzar tat-tixrid ta' diskors ta' mibegħda online li jinċita l-vjolenza u l-mibegħda; Għodod ta' komunikazzjoni biex jiġu kkomunikati r-rispett, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni fl-UE)

III. KOOPERAZZJONI MAS-SĦAB INTERNAZZJONALI TAGĦNA

- (Ir-reġjun tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq (MENA); il-Balkani tal-Punent; is-Sigurtà tal-Avjazzjoni) 41

I. ŻGURAR TAS-SIGURTÀ TAĊ-ĊITTADINI

1. PNR

Erba' snin u nofs wara li l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal direttiva dwar il-PNR, fl-4 ta' Diċembru 2015 il-Kunsill approva t-test ta' kompromess li ntlaħaq qbil dwaru mal-Parlament Ewropew rigward Direttiva dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji. Il-Kumitat LIBE approva t-test fl-10 ta' Diċembru 2015. Id-Direttiva ser tiġi vvotata mill-Parlament Ewropew fis-sajf u mbagħad ser tiġi ppreżentata lill-Kunsill għall-adozzjoni. Ladarba tiġi adottata, l-Istati Membri ser ikollhom sentejn biex idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. **L-Istati Membri għandhom jgħaġġlu l-implimentazzjoni nazzjonali biex ikunu jistgħu jikkonformaw mad-Direttiva mill-iktar fis possibbli.**

Skont din id-Direttiva l-ġdida, il-kumpanniji tal-ajru ser ikunu obbligati jipprovdu lill-awtoritajiet tal-Istati Membri d-data tal-PNR għat-titjiriet li jidħlu jew li joħorġu mill-UE. Id-Direttiva ser tippermetti wkoll, iżda ma tobbligax, lill-Istati Membri biex jiġbru d-data tal-PNR ta' titjiriet (magħżula) ġewwa l-UE. Kull Stat Membru ser jintalab jistabbilixxi l-hekk imsejħa Unità tal-Infurmazzjoni dwar il-Passiġġieri (PIU), li ser tirċievi d-data tal-PNR mingħand il-kumpanniji tal-ajru. Il-Kummissjoni appoġġat diversi Stati Membri fl-istabbiliment tal-PIUs u hija mistiedna tappoġġa lill-Istati Membri li fadal.

2. Kondiviżjoni ta' informazzjoni u kooperazzjoni operazzjonali

Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni ġiet diskussa fil-laqgħa informali tal-Ministri tal-ĠAI fil-25 ta' Jannar 2016 fl-Aja. Fl-1 ta' Marzu 2016 il-Presidenza Netherlandiża organizzat laqgħa ta' livell għoli dwar il-Ġlieda kontra l-Ivvjaġġar tat-Terroristi rigward is-sitwazzjoni attwali fil-qbid u l-ġlieda kontra l-ivvjaġġar tat-terroristi u l-iskambju ta' informazzjoni, biex jiġu identifikati l-ostakli għal skambju effettiv tal-informazzjoni u proposti għal titjib.

Fl-1 ta' Jannar 2016, l-Europol nieda **ċ-Ċentru Ewropew kontra t-Terroriżmu (ECTC)**. Dan huwa pjattaforma li permezz tagħha l-Istati Membri jistgħu jżidu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni operazzjonali fir-rigward ta': il-monitoraġġ u l-investigazzjoni ta' għallieda terroristi barranin; it-traffikar ta' armi tan-nar illegali; u l-finanzjament tat-terroriżmu u l-identifikazzjoni ta' linji addizzjonali tal-investigazzjonijiet. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-firxa sħiħa ta' kapaċitajiet fil-qasam tal-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità. L-ECTC iservi bħala ċentru ta' informazzjoni għal kontra t-terroriżmu għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri tal-UE u lil hinn u jipprovdi appoġġ operazzjonali, koordinazzjoni u għarfien espert għall-investigazzjonijiet tal-Istati Membri, kif ukoll kapaċità ta' appoġġ strateġiku, inkluż fl-indirizzar tal-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali għall-finijiet ta' radikalizzazzjoni.

Fis-7 ta' Diċembru 2015, fuq talba tal-awtoritajiet Franċiżi, ġiet stabbilita t-**Task Force Fraternité** fl-Europol, bħala appoġġ fit-tul għall-awtoritajiet investigattivi rispettivi. Il-missjoni ġenerali tat-Task Force Fraternité hija li tappoġġa investigazzjonijiet kontra t-terroriżmu fl-Ewropa wara l-attakki terroristiċi li seħħew f'Pariġi fit-13 ta' Novembru 2015. Aktar minn 60 uffiċjal ġew assenjati għall-attivitajiet ta' appoġġ tal-ewwel rispons (EMRT) fi ħdan l-Europol. Attwalment, 21 uffiċjal tal-Europol qed jaħdmu b'mod permanenti biex jappoġġaw direttament lit-Task Force 'Fraternité', li tirrappreżenta każ ta' mudell għal kif l-ECTC jista' jintuża fil-futur. **S'issa**, għadhom ma ġew ibbaġitjati **l-ebda karigi addizzjonali** għas-sena finanzjarja 2016 għall-istabbiliment tal-ECTC, inkluż l-EU IRU u l-FIU.NET. F'Diċembru 2015, l-Europol ippreżenta proposta ta' riżorsi għall-ECTC lill-Kummissjoni Ewropea.

Diversi Stati Membri inkluż l-Awstrija (appoġġ għall-Grupp ta' Ħidma Dumas), ir-Renju Unit, il-Ġermanja, Spanja u Franza ħatru persunal addizzjonali fl-Uffiċċji ta' Kollegament tagħhom mal-Europol b'appoġġ għall-ħidma tal-ġlieda kontra t-terroriżmu (Tim Konġunt ta' Kollegament għal rispons imtejjeb f'investigazzjonijiet transfruntieri). It-Task Force Fraternité, li ġiet stabbilita biex tappoġġa l-investigazzjonijiet dwar l-attakki ta' Pariġi, attwalment hija appoġġata minn 4 Esperti Nazzjonali Ssekondati minn Franza (3) u Spanja (1). L-Istati Membri huma mistiedna **jżidu aktar is-sekondar ta' persunal ta' kontra t-terroriżmu** b'appoġġ għall-ħidma taċ-Ċentru Ewropew kontra t-Terroriżmu (ECTC) fl-Europol.

Sar progress konsiderevoli mill-Istati Membri biex l-awtoritajiet kontra t-terroriżmu jkunu konnessi mal-**konfigurazzjoni speċifika kontra t-terroriżmu SIENA**. Filwaqt li fil-bidu ta' Diċembru 2015 kienu biss konnessi 15-il Stat Membru tal-UE, issa 25 Stat Membru huma konnessi mal-qasam kontra t-terroriżmu f'SIENA (l-awtoritajiet kontra t-terroriżmu tat-tliet Stati Membri li fadal huma mistennija li jingħaqdu magħhom daqt). Segwew sitt partijiet terzi sa tmiem Jannar 2016. SIENA ser tiġi aġġornata għal "EU Confidential" fl-2016 (ippjanat għat-tielet kwart tas-sena). Huwa previst li n-netwerk tal-**komunikazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-Pulizija dwar it-Terroriżmu (PWGT)**, fil-livell "EU Secret", fil-ġejjieni ser ikun ospitat mill-Europol u integrat fih, u b'hekk ser jipprevedi infrastruttura ta' komunikazzjoni kumplementari u koerenti tal-awtoritajiet kontra t-terroriżmu madwar l-UE kollha.

Abbażi tal-valutazzjoni teknika u legali tal-Kummissjoni, l-Europol beda jaħdem lejn l-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2015 biex jippermetti lill-Europol **iwettaq b'mod sistematiku kontroverifika tal-bażijiet ta' data tal-Europol mas-SIS II** billi jintroduċi tiftix bil-lott fis-SIS. L-Europol irrieżamina l-pjan ta' ħidma tiegħu għall-2016 biex itejjeb l-aċċess għal bażijiet ta' data fuq skala kbira inklużi s-SIS II, il-VIS u l-Eurodac, u l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet madwar l-interoperabbiltà tas-sistemi. Bħalissa, l-Europol iwettaq verifiki manwali fis-SIS II u l-użu tas-sistema huwa limitat (741 tfittxija biss fl-2015, l-ewwel sena tal-konnettività tal-Europol mas-SIS II). F'konformità mal-istrumenti legali tas-SIS II, l-Europol ma jistax idaħħal allerti fis-SIS II u ma għandu l-ebda aċċess għal allerti rigward persuni nieqsa jew allerti ta' rifjut ta' dħul jew permanenza fi Stat Membru. Barra minn hekk, l-Europol ma jistax jittrasferixxi d-data li tinsab fis-SIS II lil sistema informatika għall-ġbir u l-ipproċessar ta' data mħaddma mill-Europol jew fih u lanqas ma jista' jniżżel jew jikkopja parti mis-SIS II.

Is-SIS II għandha ssir sors importanti ta' informazzjoni biex tikkumplementa l-intelligence kriminali eżistenti fl-Europol. Pereżempju, data mdaħħla fis-SIS II dwar persuna jew vettura speċifika abbażi tal-Artikolu 36 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-SIS II ("kontrolli diskreti") tista' tagħti informazzjoni lill-Europol dwar l-eżistenza ta' Stat Membru ieħor li bħalissa qiegħed jinvestiga dik il-persuna jew vettura partikolari. Il-possibbiltà għall-Europol li jwettaq kontroverifika tal-informazzjoni miksuba permezz tal-kanali ta' komunikazzjoni tiegħu (speċjalment minn Stati Membri mhux parti mis-SIS jew Partijiet Terzi) mal-informazzjoni disponibbli fis-SIS II għandha tgħin biex il-funzjoni tal-Europol tkun appoġġata bħala nukleu ta' informazzjoni tal-UE. Fl-2016, l-Europol jippjana li jiżviluppa l-kapaċità li jwettaq tiftix regolari bil-lott fis-SIS II. Dan huwa partikolarment importanti f'każijiet ta' kontroverifika ta' informazzjoni li tkun waslet minn pajjiżi li mhumiex fiż-żona Schengen.

L-Europol għadu mhuwiex konness mas-**Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)** u lanqas mal-**Eurodac** (l-Europol jippjana li jaċċessa din il-bażi ta' data permezz tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali Netherlandiż). Jeħtieġ ftit taż-żmien biex jiġu identifikati l-arranġamenti ottimali. Fl-2016, l-Europol ser jelabora proposta għal kapaċitajiet ta' tlaqqiġ transversali. Kemm il-VIS kif ukoll il-Eurodac ser ikunu parti minn dawn il-konsiderazzjonijiet.

Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri lill-għodda tal-Europol u l-użu tagħhom minn din l-għodda żdiedu sew fl-2015 meta mqabbel mal-2014. Madankollu, huma għadhom ma jirriflettux il-livell tat-theddida. Pereżempju, il-Punt Fokali "Travellers" jinkludi anqas minn nofs l-għadd stmat ta' Għellieda Terroristi Barranin Ewropej. Huwa neċessarju titjib ulterjuri.

Is-**Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS)** – bħala sistema ta' referenza li hija direttament disponibbli għall-Istati Membri kollha – issa fiha informazzjoni dwar 3,800 għellied barrani u assoċjati relatati, inkluż data kontribwita minn partijiet terzi (prinċipalment l-Interpol). Sadanittant, fid-dawl tal-attakki ta' Pariġi f'Novembru 2015, l-għadd ta' suġġetti relatati mat-terroriżmu żdied għal total ta' l fuq minn 7,700 (jiġifieri s-suġġetti żdiedu b'aktar mid-doppju, meta jitqies li kien hemm 3,732 suġġett relatati mat-terroriżmu fl-aħħar tat-tielet kwart tal-2015). Bħalissa hemm aktar minn 4,300 persuna marbuta mat-terroriżmu fl-EIS (inkluż l-għadd ta' għellieda barranin u assoċjati msemmija hawn fuq). Il-mistoqsijiet dwar l-EIS mill-Istati Membri tal-UE żdiedu b'63 % mill-2014 (367,922) sal-2015 (598,652). Fl-2014, l-Istati Membri tal-UE daħħlu biss 18-il FTF fl-EIS. Fl-aħħar ta' Jannar 2016, l-Istati Membri tal-UE kienu daħħlu total ta' 1,473 FTF fl-EIS. Din żieda kbira, iżda xorta għadha ma tirriflettix il-livell sħiħ tat-theddida.

Fil-**Punt Fokali (PF) "Travellers"** issa jinsabu 18,572 entità persuna. Kważi sena ilu, kien hemm biss 3,600. Minn dan l-għadd totali (li jinkludi wkoll assoċjati eċċ.), bħalissa hemm 4,714-il FTF verifikat li qiegħed jivvjaġġa. Minn dawn l-4,714-il FTF, l-Istati Membri tal-UE kkontribwixxew 2,407 FTFs verifikati sal-aħħar tal-2015 u rrapportaw 379 FTF addizzjonali fl-2016 (jiġifieri 2,786 FTF b'kollox). Dan jirrappreżenta żieda ta' 1,023 FTF verifikat mill-aħħar rapport tas-CTC f'Novembru 2015. L-istatus attwali huwa bbażat fuq għadd ta' l fuq minn 1,900 kontribuzzjoni distinta magħmula minn Stati Membri u sħab assoċjati s'issa (sena ilu kienu madwar 600 kontribuzzjoni). Iċ-ċifri għall-2016 diġà jissuġġerixxu żieda kbira meta mqabbel mal-istess perijodu tas-sena li għaddiet. Madankollu, ta' min jinnota li aktar minn 90 % tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri tal-UE rigward FTFs verifikati fil-PF "Travellers" fl-2015 joriġinaw minn 5 Stati Membri biss.

Dawk l-Istati Membri li għadhom ma jikkontribwixxux jew li kkontribwixxew fuq livell ferm anqas lill-PF "Travellers" u l-PF l-oħra tal-Europol huma mħeġġa li jżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom.

Fil-Punt Fokali (PF) 'Hydra' (terroriżmu Islamist) tar-reġistru ta' ħidma ta' analiżi (AWF) tal-Europol dwar it-terroriżmu, bħalissa hemm 'il fuq minn 620,000 entità data, inklużi 64,000 entità persuna (inklużi suspettati, assoċjati eċċ.; żieda ta' 'l fuq minn 3,500 entità persuna fl-2015), u 'l fuq minn 11,000 entità organizzazzjoni u entità relatata ma' netwerk ('il fuq minn 300 aktar mill-bidu tal-2015). Din id-data tiġi aġġornata kontinwament f'kooperazzjoni mal-išhab tal-Europol u hija bbażata fuq aktar minn 12,800 kontribuzzjoni magħmula mill-PF Hydra s'issa (żieda ta' 12 % meta mqabbel mal-2015). L-Istati Membri kważi rdoppjaw il-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-PF Hydra mill-2004 sal-2015 (żieda minn 543 għal 1,031), il-kontribuzzjoni tal-Istati Membri għall-PF Hydra fir-rigward ta' individwi żdiedet kważi bit-tripplu mill-2014 sal-2015 (1,589 għal 4,398). **Huwa rakkomandat li l-Istati Membri jiffaċilitaw l-assoċjazzjoni tal-Eurojust mal-PF Hydra biex jiżguraw li l-Eurojust ikun jista' jipprovdi appoġġ f'waqt u effiċjenti għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet fl-Istati Membri.**

– *Prüm*

Permezz tal-mekkaniżmu ta' skambju ta' data ta' Prüm (Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008), l-Istati Membri jippermettu lil xulxin aċċess reċiproku għall-bażijiet ta' data bijometriċi forensiċi tagħhom (DNA, marki tas-swaba') kif ukoll għad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi tagħhom għall-infurzar tal-liġi u għal finijiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu. F'Jannar 2016, 22 Stat Membru huma operazzjonali fir-rigward ta' data dwar id-DNA (21 fl-aħħar ta' Novembru 2015); 21 Stat Membru huma operazzjonali fir-rigward tad-data tal-marki tas-swaba' (żieda minn 20); u 20 huma operazzjonali fir-rigward tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi (żieda minn 18 fl-aħħar ta' Novembru 2015). Kien hemm żieda konsiderevoli fl-għadd ta' konnessjonijiet Prüm fost it-22 mil-laqgħa tal-Kunsill ĠAI f'Diċembru 2015 'l hawn (seba' konnessjonijiet ġodda għall-iskambju ta' data dwar id-DNA; 18-il konnessjoni ġdida għall-iskambju ta' data dwar is-swaba'). Madankollu, erba' Stati membri li huma parti mill-Prüm mhuma operazzjonali xejn, u l-parti l-kbira tal-Istati Membri għadhom mhumieq qegħdin jisfruttaw b'mod sħiħ l-interkonnettività kollha fir-rigward tat-tliet tipi ta' data. Dan huwa prinċipalment minħabba problemi tekniċi jew organizzattivi li għandhom jiġu solvuti fil-livell nazzjonali.

– ***Żgurar tal-interoperabbiltà tal-bażijiet ta' data rilevanti fir-rigward tal-kontrolli ta' sigurtà***

L-ewwel diskussjoni dwar l-interoperabbiltà tal-bażijiet ta' data saret fil-COSI fit-2/3 ta' Marzu 2016. Ser ikun importanti li tiġi definita l-interoperabbiltà u l-livell ta' ambizzjoni, b'kont meħud tat-theddida li żdiedet u l-iżviluppi teknoloġiċi. Fil-kuntest tal-Pakkett dwar il-Fruntieri Intelliġenti li għandu jiġi rilaxxat fl-aħħar ta' Marzu, il-Kummissjoni tippjana li toħroġ komunikazzjoni dwar aspekk wieħed partikolari - kif il-konsultazzjoni tas-sistemi tal-IT fl-infurzar tal-fruntieri u l-liġi tista' ssir aktar effettiva. L-interoperabbiltà ser tkun ukoll rilevanti fl-aġġornament tar-regolamenti dwar is-SIS II u l-Eurodac.

– ***Approċċ strutturat u multilaterali għal kooperazzjoni operazzjonali dwar it-theddid għall-ġlieda kontra t-terroriżmu***

Il-COSI kellu l-ewwel diskussjoni fit-2/3 ta' Marzu 2016 biex jeżamina l-possibbiltà li tiġi żviluppata metodoloġija għal approċċ strutturat u multilaterali għall-kooperazzjoni operazzjonali fil-ġlieda kontra t-theddid terroristiku.

– ***Aġġornament tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu***

Fit-2 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni resqet proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu li taġġorna d-Deċiżjoni Qafas eżistenti 2002/475/ĠAI. Id-Direttiva proposta tintroduċi qafas ta' kriminalizzazzjoni estiż li jkopri imġiba kriminali relatata mal-fenomeni tal-ġellieda terroristi barranin f'konformità mar-rekwiżiti tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2178 (2014) u l-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (KtE) dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu, iffirmit f'isem l-UE fit-22 ta' Ottubru 2015. It-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll fid-dritt tal-Unjoni ser twitti t-triq għall-konklużjoni finali tal-Protokoll Addizzjonali tal-KtE f'isem l-UE, soġġett għall-kunsens tal-Parlament Ewropew. Bħala riżultat ta' negozjati intensivi fil-Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt Kriminali Sostantiv sa minn Jannar 2016, ġie ppreżentat test ta' kompromess lill-Kunsill ĠAI fil-11 ta' Marzu 2016 bħala bażi biex jintlaħaq approċċ ġenerali. Dan ser jippermetti lill-Kunsill jidħol f'negozjati mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-proċedura leġislattiva ordinarja bl-għan ta' adozzjoni finali tal-abbozz ta' Direttiva.

Aġġornament tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-ECRIS

Fid-19 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni adottat proposta biex temenda u taġġorna s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) li ġiet stabbilita fl-2012. Din il-proposta għandha l-għan li tiffaċilita l-iskambju ta' ta' kondotti ta' ċittadini mhux tal-UE fl-UE. Hija ser tiżgura li l-potenzjal tal-ECRIS, li diġà tintuża b'mod mifruż għall-iskambju ta' kondotti ta' ċittadini tal-UE, jiġi sfruttat kollu kemm hu. F'Ġunju 2016 huwa mistenni Approċċ Ġenerali tal-Kunsill dwar id-Direttiva proposta.

– Eurojust

Filwaqt li kien hemm **żieda** sinifikanti fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni operazzjonali fil-kuntest tal-Eurojust fl-2015 meta mqabbel mal-2014, **in-numri għadhom ma jirriflettux il-livell tat-theddida**.

L-għadd ta' każijiet ta' terroriżmu reġistrati fil-Eurojust fl-2015 (41 każ - minn 39 huma każijiet operazzjonali, li minnhom 18 huma dwar FTFs) żdied konsiderevolment meta mqabbel mal-2014 (14-il każ li minnhom 13 kienu operazzjonali, li minnhom 3 kienu dwar FTFs). Fl-2015, il-Eurojust organizza l-ewwel ċentru ta' koordinazzjoni tiegħu (dwar FTFs) u 15-il laqgħa ta' koordinazzjoni dwar każijiet operazzjonali ta' terroriżmu (li minnhom sitta kienu dwar FTFs). L-Aġenzija kompliet ttipprovdi appoġġ lill-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti (SIK) f'każijiet ta' terroriżmu: żewġ SIK fl-2014 b'erba' Stati Membri parteċipanti u tliet SIK fl-2015 b'sitt Stati Membri parteċipanti.

Kien hemm żieda sostanzjali fl-informazzjoni dwar prosekuzzjonijiet u kundanni ppreżentata lill-Eurojust abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI. L-informazzjoni dwar prosekuzzjonijiet attwali, pereżempju, żdiedet b'aktar minn tliet darbiet (fl-2014 kien hemm 30 każ b'tali informazzjoni, filwaqt li fl-2015 kien hemm 104). Barra minn hekk, l-għadd ta' proċeduri konklużi tal-qorti dwar reati terroristiċi rrapportati lill-Eurojust żdied (minn 180 fl-2014 għal 217 fl-2015). Il-proċeduri konklużi tal-qorti fl-2015 kkonċernaw 513-il individwu, li minnhom 85 kienu ta' sess femminili. **L-Istati Membri huma mitluba jkomplu jżidu l-iskambju ta' informazzjoni dwar reati terroristiċi mal-Eurojust u jibagħtu din l-informazzjoni kollha fuq bażi regolari, mingħajr dewmien u b'mod sistematiku.**

Kif meħtieġ mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, l-informazzjoni kondiviża mal-Eurojust teħtieġ tinkludi informazzjoni dwar il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni kollha għal reati terroristiċi, kif ukoll informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi speċifiċi relatati ma' dawk ir-reati, rabtiet ma' każijiet rilevanti oħra, talbiet għal assistenza legali reċiproka u informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' tali talbiet. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri għandhom jibbenifikaw aktar mill-kapaċitajiet tal-Eurojust li jidentifika rabtiet bejn każijiet kif ukoll mill-isforzi kontinwi tal-Eurojust li jiċċentralizza u janalizza sfidi u l-aħjar prattika relatata mal-prosekuzzjonijiet għal reati terroristiċi kondiviżi mal-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tal-Monitoraġġ tal-Kundanni għal Reati Terroristiċi (TCM) u l-kontribuzzjonijiet tal-Eurojust għar-Rapport tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu tal-UE (TE-SAT). Ħarġa ġdida tat-TCM ser tinħareġ fil-bidu ta' Marzu 2016. Il-kontribut tal-Eurojust għat-TE-SAT 2016 ġie ppreżentat fl-aħħar ta' Frar 2016. Kemm it-TCM u t-TE-SAT komplew jimmonitorjaw ukoll l-iżviluppi fil-leġislazzjoni nazzjonali dwar it-terroriżmu.

Il-Eurojust ħareġ **it-tielet rapport klassifikat tiegħu "Foreign Terrorist Fighters: Eurojust's Views on the Phenomenon and the Criminal Justice Response"** (Ġellieda Terroristi Barranin: Il-Fehmiet tal-Eurojust dwar il-Fenomen u r-Rispons tal-Ġustizzja Kriminali) f'Novembru 2015. Huwa janalizza perspettivi nazzjonali differenti dwar ir-reazzjoni tal-ġustizzja kriminali għall-ġellieda terroristi barranin kif ukoll it-tagħlimiet meħuda mill-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tal-FTFs. Sommarju tas-sejbiet prinċipali ta' dan ir-rapport ġie approvat mill-Kulleġġ fis-16 ta' Frar u nħareġ bħala dokument RISTRETT tal-Eurojust fis-16 ta' Frar.

L-10 laqgħa tal-Forum Konsultattiv tal-Prosekuturi Ġenerali u d-Direttur tal-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi tal-Istati Membri tal-11 ta' Diċembru 2015 laħaq konklużjonijiet (dok. 5930/16) dwar tliet suġġetti prinċipali, inkluż il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Fil-25 ta' Novembru 2015, il-Eurojust ospita laqgħa ddedikata għall-istabbiliment ta' Netwerk taċ-Ċiberkriminalità Ġudizzjarja li fiha l-esperti qablu dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit network speċjalizzat bħal dan appoġġat mill-Eurojust.

L-ECTC għandu jikkoopera mill-qrib mal-Eurojust biex jagħmel użu sħiħ mill-għodda ta' koordinazzjoni tal-Eurojust u l-esperjenza twila tiegħu f'każijiet, kif ukoll in-network tiegħu ta' korrispondenti nazzjonali għall-Eurojust għal kwistjonijiet ta' terroriżmu maħtura fl-Istati Membri, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Istati Uniti.

3. Kontrolli fuq il-fruntieri esterni

– *Reviżjoni mmirata tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen*

F'konformità mal-mandati mogħtija mill-Kunsill ĠAI f'Novembru 2015 u mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2015, il-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill u l-Kunsillieri ĠAI kienu qegħdin jeżaminaw bħala kwistjoni ta' prijorità l-proposta tal-Kummissjoni għal **emenda mmirata tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (imressqa fil-15 ta' Diċembru 2015)**.

L-aspett prinċipali ta' din il-proposta huwa li jintroduċi **verifiki sistematiċi mandatorji fil-fruntieri esterni tal-art, il-baħar u l-ajru** fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni u persuni oħra li jgawdu mid-dritt tal-moviment liberu, li għandhom jiġu vverifikati sistematikament ma' bażijiet ta' data rilevanti. Il-verifiki sistematiċi taċ-ċittadini tal-Unjoni fil-bażijiet ta' data jsiru fuq bażi ta' "hit/no-hit", bl-użu tal-bażijiet ta' data b'tali mod li d-drittijiet tad-data personali jintlaqtu biss sa punt limitat ħafna ġġustifikat mill-oġettivi ta' sigurtà. L-approċċ ġenerali tat-test ta' kompromess tal-Presidenza ntlaħaq fil-Kunsill ĠAI tal-25 ta' Frar 2016.

– *Bażi legali soda għall-kontribut tal-Frontex fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata u aċċess għall-bażijiet ta' data rilevanti*

Fil-15 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (li jista' jinftehem bħala rinforz sinifikanti tal-mandat tal-Frontex u l-ġhoti ta' isem ġdid lill-Aġenzija). L-abbozz, li bħalissa qiegħed jiġi diskuss mill-Kunsill, jinkludi dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Aġenzija tkopri aspetti tal-kriminalità u t-terroriżmu transkonfinali fl-analiżi tagħha tar-riskju, billi jippermettulha tipproċessa d-data personali ta' persuni suspettati minn involviment f'atti ta' terroriżmu u billi jistipulaw li l-Aġenzija tikkooopera ma' Aġenziji oħra tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità u t-terroriżmu transkonfinali. Fir-rigward tal-aċċess għal bażijiet ta' data nazzjonali u bażijiet ta' data Ewropej, l-abbozz ta' Regolament jipprevedi obbligu għall-Istati Membri li jippermettu aċċess għall-membri tal-Iskwadri tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għall-bażijiet ta' data bħal dawn. Fil-memorandum ta' spjegazzjoni, il-Kummissjoni ddikjarat li ser tesplora l-possibbiltà li tagħti aċċess lill-Aġenzija għall-bażijiet ta' data Ewropej, bħas-SIS u tikkunsidra tippreżenta proposti biex timmodifika l-atti legali, jekk neċessarju, li fuqhom huma bbażati dawn il-bażijiet ta' data.

– ***Dħul ta' informazzjoni fis-SIS II u użu tas-SIS II***

L-użu effettiv tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS II) jinkludi **l-kondiviżjoni sistematika tad-data rilevanti kollha taħt l-Artikolu 36(2) u (3)** kif ukoll l-iżgurar tal-istandards tal-kwalità tad-data. Kien hemm żieda sinifikanti fl-użu ta' allerti u riżultati pożittivi fis-SIS taħt l-Artikolu 36(2) u (3) matul l-aħħar 12-il xahar u aktar minn nofs l-Istati Membri tal-UE għamlu użu mill-mekkaniżmu ta' rappurtar immedjat.

	31 ta' Diċembru 2014	31 ta' Diċembru 2015
Għadd ta' allerti dwar persuni għal kontrolli diskreti jew speċifiċi (Art. 36 (2))	44,669 allerti	61,575 allerti
Għadd ta' allerti dwar persuni għal kontrolli diskreti jew speċifiċi għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali (Art. 36 (3))	1,859 allerti	7,945 allerti
Għadd ta' allerti dwar persuni għal kontrolli diskreti jew speċifiċi skont l-Art. 36(2) u (3) bir-rekwiżit ta' rappurtar immedjat	- Din il-funzjonalità ġiet implimentata fi Frar 2015.	5,189 allerti (imdaħħla minn 21 Stat Membru tal-UE)

Il-frekwenza fl-użu tas-SIS II ivarja b'mod qawwi fost l-Istati Membri u l-Istati Membri li japplikaw standards differenti fl-użu tas-SIS II fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ara d-dok. 5722/16 EU RESTRICTED). Barra minn hekk, **mhuwiex possibbli li wieħed jiddistingwi kemm il-allert jikkonċerna l-FTFs/t-terroristi**. L-FTFs/t-terroristi jistgħu jidhru wkoll taħt kategoriji ta' allert oħra bħal allerti għal arrest jew rifjut ta' dħul. Id-diffikultajiet jinkludu: ir-regoli ta' kompatibbiltà bejn l-allerti, li jxekklu l-ħolqien ta' allerti taħt artikoli differenti għall-istess persuna (per eżempju l-Artikolu 26 tas-SIS II (f'każ li Mandat ta' Arrest Ewropew jinħareġ għal FTF) u l-Artikolu 36 tas-SIS II); nuqqas ta' użu uniformi tas-SIS II mill-Istati Membri fir-rigward tal-FTF; nuqqas ta' informazzjoni rilevanti relatata ma' allert; diffikultajiet biex jinżammu persuni fil-post f'każ ta' kontroll diskret; nuqqas ta' proċeduri f'każ ta' riżultat pożittiv fir-rigward ta' persuna b'dokumenti tal-ivvjaġġar invalidi; u nuqqas ta' dħul sistematiku tal-FTFs kollha fis-SIS II mill-Istati Membri kollha.

Is-suġġerimenti tal-Istati Membri jinkludu l-istabbiliment ta' allert speċifiku għall-ġellieda barranin/t-terroriżmu, regoli aktar uniformi għall-ħolqien tal-allerti tal-Artikolu 36 fir-rigward ta' FTFs u analiżi tal-informazzjoni dwar is-SIS II fl-Europol.

Il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna (a) issegwi kwistjonijiet bħal standards komuni tal-kwalità tad-data tal-allerti abbażi tad-diskussjonijiet li saru fil-Kumitat SIS/VIS, il-Grupp ta' Ħidma dwar "Materji Relatati ma' Schengen" (SIS/SIRENE) kif ukoll matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (TWP) li ser tiġi organizzata fit-8 ta' Marzu 2016 bil-parteċipazzjoni tal-esperti tas-SIS/SIRENE, u **(b) tiffaċilita għidha prattika għall-Istati Membri.**

Is-soluzzjonijiet jistgħu jinkludu l-introduzzjoni ta' artikolu speċifiku għid fis-SIS II għal reati ta' terroriżmu, jew ftehim dwar l-użu ta' artikolu eżistenti wiehied għal reati ta' terroriżmu sabiex wiehied ikun jista' jiddistingwi allerti għat-terroriżmu u għal reati relatati ma' kriminalità oħra. Flimkien ma' kriterji u standards komuni għad-dħul ta' allerti FTF, inkluż possibbilment forma għidha, dan għandu jippermetti użu aktar uniformi tas-SIS II fir-rigward tal-FTF u suspetti terroristiċi oħra. Abbażi ta' dawn l-istandards, taħriġ (b'mod partikolari għal utenti finali) ser ikun importanti u għandu jkun organizzat mill-Istati Membri kollha bl-appoġġ tas-CEPOL. Il-Kummissjoni għandha tiġi mistiedna biex tiżviluppa dawn l-istandards tippreżentahom flimkien mar-rapport/l-istudju tagħha dwar l-implimentazzjoni tas-SIS II li huwa previst għal April 2016. Barra minn hekk, fid-dawl tal-proposti leġislattivi għidha għas-SIS II li huma previsti sa tmiem l-2016, **approċċ komuni uniformi għandu jkun stabbilit dwar il-ħolqien ta' allerti u l-kontenut tiegħu.**

– *Bijometrija tas-SIS II*

Filwaqt li hemm 90,000 marka tas-swaba' fis-sistema tas-SIS II, **għad ma hemm l-ebda possibbiltà ta' tiftix.** L-aċċess għal ritratti u marki tas-swaba' huwa possibbli biss biex tiġi konfermata identità f'każ ta' dubji (l-Artikolu 22(b) taż-żewġ strumenti legali pertinenti tas-SIS II¹). L-istrumenti legali attwali diġà jippermettu l-użu ta' marki tas-swaba', bħala identifikatur bijometriku, biex tiġi identifikata persuna (funzjoni ta' tiftix bijometriku għall-marki tas-swaba'), hekk kif dan ikun teknikament fattibbli. Il-Kummissjoni ppreżentat rapport dwar it-teknoloġija fid-29 ta' Frar 2016 u trid tikkonsulta lill-Parlament Ewropew (l-Artikolu 22(c)²).

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni, ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4, u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63.

– *Użu tal-bażijiet ta' data tal-Interpol*

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru jeħtieġu konnessjoni elettronika mal-bażijiet ta' data rilevanti tal-Interpol fil-punti ta' qsim kollha tal-fruntieri esterni u skrinjar awtomatiku tad-dokumenti tal-ivvjaġġar sa Marzu 2016. Madankollu, **tal-anqas żewġ Stati Membri għadhom ma stabbilixxewx konnessjoni elettronika mal-għodda tal-Interpol dwar il-qsim kollu tal-fruntieri esterni tagħhom** (ajru, art, baħar). Bosta Stati Membri għadhom qegħdin jaġġornaw manwalment il-bażi ta' data tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqa u Mitlufa (SLTD) li jirriżulta f'dewmien fl-aġġornament u huwa intensiv mill-aspett tar-riżorsi umani, jekk imwettaq b'mod sistematiku. Għadd ta' Stati Membri għadhom ma jwettqux skrinjar awtomatiku tal-bażi ta' data tal-SLTD.

L-għadd ta' tfittxijiet tal-SLTD tal-Istati Membri kollha żdied minn 280,749,717 fl-2014 għal 360,359,191 fl-2015. Madankollu, il-kwalità tad-data hija tħassib dejjem akbar u għandha tiġi msaħħa aktar mill-Istati membri bl-appoġġ tas-Segretarjat Ġenerali tal-Interpol (eż. jiġi revokat kull dokument tal-ivvjaġġar mitluf jew misruq mill-Istat Membru rispettiv li ħareġ il-passaport). Barra minn hekk, **is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku** hija neċessarja biex turi li passaport mitluf jew misruq jista' jintuża minn kriminali jew terroristi, inklużi ġellieda terroristi barranin, biex jivvjaġġaw taħt identità falza ġewwa l-UE. Il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri fl-iżgurar tal-kwalità tad-data u l-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Interpol.

– *Implimentazzjoni tal-indikaturi komuni tar-riskju (CRI)*

Il-pjanijiet operazzjonali tal-operazzjonijiet konġunti rispettivi (JO) koordinati mill-Frontex ġew emendati u fihom struzzjonijiet għall-identifikazzjoni ta' ġellieda terroristi barranin permezz ta' kontroverifiki mal-bażijiet ta' data rilevanti, bl-użu tal-Indikaturi Komuni tar-Riskju. Dan jeħtieġ il-konsultazzjoni ta' suġġetti potenzjali ta' interess għal skrinjar dettaljat tat-tieni linja u jekk neċessarju jipprevedi konsultazzjoni għas-servizzi ta' intelligence nazzjonali. Każijiet bħal dawn għandhom jiġu rrapportati wkoll lill-Frontex flimkien ma' informazzjoni li tikkonċerna kif is-suspett qabel mas-CRIs, jew wera indikaturi ġodda, li jistgħu jipprovaw denji ta' aktar disseminazzjoni.

Kif mitlub mill-Kummissjoni u l-Kunsill, il-Frontex jappoġġa lill-Istati Membri bl-implimentazzjoni tas-CRIS bħala parti tal-operazzjonijiet kollha li huma mwettqa fil-punti ta' qsim tal-fruntiera (BCPs). Il-Frontex inkludiet dan l-oġettiv operazzjonali u r-rappurtar relatat bħala attività distinta fi ħdan l-operazzjonijiet kollha tal-art u fl-ajru li qegħdin iseħħu fil-BCPs.

L-ippjanar ta' operazzjonijiet tal-post ta' kontroll fuq il-fruntiera kkoordinati mill-Frontex fuq il-fruntieri tal-baħar ser isir aktar tard fl-2016. Ir-rappurtar ta' identifikazzjoni ta' vjaġġar suspettuż minn ġellieda terroristi barranin huwa ċentralizzat fl-Unità tal-Analiżi tar-Riskju u għaldaqstant separat mir-rappurtar operazzjonali regolari.

Il-Frontex irċeviet is-Sistema Komuni ta' Informazzjoni Relex u qed tippromwovi wkoll il-Manwal "l-Operazzjonalizzazzjoni tal-Indikaturi tar-Riskji Komuni" (traduzzjoni mhux uffiċjali) fost l-uffiċjali mistiedna u uffiċjali mistiedna ssekondati qabel l-iskjerament tagħhom fl-operazzjoni konġunta. Il-Manwal ser jiġi aġġornat b'informazzjoni magħmula disponibbli mill-Europol u dik miġbura waqt l-operazzjonijiet konġunti kkoordinati tal-Frontex.

Id-dħul fis-seħħ tal-emenda mmirata tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ser jinfluwenza l-użu tal-Indikaturi tar-Riskji Komuni. Skont il-proposta, ir-regola għal dawk kollha li qed jivjaġġaw li qed jaqsmu l-fruntieri esterni (ċittadini ta' pajjiżi terzi u ċittadini tal-UE) ser ikollhom kontroll sistematiku ma' bażijiet tad-data rilevanti, soġġetti għal derogi għall-fruntieri tal-art u tal-baħar u perijodu tranżitorju ta' 6 xhur mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament għall-fruntieri tal-ajru. L-Indikatur tar-Riskji Komuni ser jibqa' rilevanti għall-punti ta' qsim tal-fruntiera soġġett għal derogi/li jibbenefikaw minn dan il-perijodu tranżitorju.

– ***L-implimentazzjoni tal-aspetti tas-sigurtà tal-hotspots/Frontex***

Fl-10 ta' Frar 2015, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni komprensiva² dwar l-implimentazzjoni ta' hotspots fl-Italja u fil-Greċja u għamlet ċerti rakkomandazzjonijiet.

L-oġġettiv huwa li jittieħdu l-marki tas-swaba' tal-migranti kollha li jaslu u li jiġu ċċekkjati fil-hotspots. Qed jitwettqu sforzi sabiex jissolvew il-kwistjonijiet ewlenin rigward in-nuqqas ta' infrastruttura (per eżempju konnessjonijiet tal-internet ta' veloċità għolja li huma meħtieġa biex iwettqu uploads u jiġu ċċekkjati mal-bażijiet tad-data kollha; infrastrutturi u servizzi pprovduti) kif ukoll ir-riżorsi umani (per eżempju l-koordinaturi) mill-gvernijiet ospitanti fil-hotspots. Il-proporzjon ta' kemm jittieħdu marki tas-swaba' żdied, iżda l-marki tas-swaba' għadhom mhumiex sistematikament mtella' u mqabbla mal-bażijiet ta' data kollha.

Is-sitwazzjoni attwali relatata mas-CT fl-**Italja** rigward l-approċċ ta' implimentazzjoni tal-Hotspot:

- Il-pakkett ta' appoġġ għall-Italja mwettaq apposta għall-Frontex fil-qasam ta' identifikazzjoni, reġistrazzjoni, verifiki tad-dokumenti, informazzjoni u r-ritorn (skjerament ta' 25 uffiċjal tal-Frontex).

² COM(2016) 85 final dwar "is-Sitwazzjoni Attwali rigward l-Implimentazzjoni tal-Azzjonijiet Prijoritarji fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni", 10.02.2016

- Ir-rati tat-teħid tal-marki tas-swaba' rrapportati mill-awtoritajiet Taljani, mill-IOM u mill-Frontex kważi laħqu 100% fl-aħħar żbarki f'hotspots operazzjonali (87 % b'kollox sa Jannar 2016)³.
- Il-marki tas-swaba' huma ċċekkjati mal-AFIS nazzjonali u mibgħuta lis-Sistema Ċentrali tal-Eurodac.
- Il-Frontex tappoġġa l-verifiki tad-dokumenti matul il-proċedura ta' identifikazzjoni u f'każ ta' dubju, l-uffiċjali tal-Frontex jirreferu d-dokument rispettivi suspettuż lill-awtoritajiet Taljani li jwettqu verifika profonda.
- L-attivitajiet ta' informazzjoni jiġu implimentati tajjeb u integrati fl-Italja u jservu għal finijiet ta' analiżi tar-riskju u għal ipproċessar ulterjuri għat-trasmissjoni lill-Europol.

Il-kooperazzjoni mal-Europol hija magħmula mill-awtoritajiet Taljani permezz tal-Unità Nazzjonali tal-Europol peress li l-Frontex bħala Sieħeb Operazzjonali Terz mhux parti mill-komunità tal-utenti tal-EIS. Kooperazzjoni diretta mal-Europol għadha ma ġietx stabbilita fil-hotspots.

L-isfidi jinkludu l-kapaċità limitata tal-hotspots li ttellef mill-ħin disponibbli għall-identifikazzjoni sħiħa, ir-reġistrazzjoni u l-kontrolli ta' sigurtà. Is-sekondar ta' esperti **addizzjonali mill-Istati Membri għandha tiġi kkunsidrata biex jippermettu kontroverifiki sistematiċi**. Jinsab għaddej l-ippjanar għall-istabbiliment ta' skwadra Hotspot mobbli Hotspot, li tkopri l-portijiet ta' żbark.

Is-sitwazzjoni attwali relatata mas-CT fil-**Greċja** rigward l-approċċ ta' implimentazzjoni tal-Hotspot:

- Bħalissa, 2 biss mill-5 hotspots ippjanati huma kompletament operazzjonali (Lesvos u Chios).
- Iżda mhux il-marki tas-swaba' kollha jiġu direttament verifikati mal-Eurodac.
- L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni li hija installata fl-istazzjonijiet tax-xogħol tal-marki tas-swaba' ġiet adattata sabiex l-utenti aħħarin ikunu jistgħu jużaw l-opzjoni ta' tiftixa għall-bażijiet tad-data tas-SIS II u tal-Interpol SLTD minbarra l-bażi tad-data nazzjonali bi klikk waħda, abbażi ta' isem mogħti.
- **F'diversi hotspots għad ma hemm l-ebda investigazzjoni ta' sigurtà fis-seħħ.**

Il-kooperazzjoni ġenerali mal-Europol issir mill-awtoritajiet Griegi permezz tal-Unità Nazzjonali tal-Europol.

³ L-Anness 3 għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2016) 85 final, tal-10 ta' Frar 2016.

– *Il-ġestjoni tal-kriżi tal-migrazzjoni permezz l-IPCR - Sigurtà u hotspots*

Mill-attivazzjoni sħiħa tal-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) fid-9 ta' Novembru 2015, il-Presidenza ppresjediet diversi laqgħat ta' diskussjoni tal-IPCR li eżaminaw in-nuqqasijiet ewlenin u s-soluzzjonijiet possibbli għall-kriżi attwali tal-migrazzjoni u r-refuġjati. Proposti li jappoġġaw it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill ġew żviluppati.

Il-laqgħat huma organizzati madwar it-temi ċentrali, inkluż hotspots. It-twaqqif u l-funzjonament tajjeb tal-hotspots, inklużi kontrolli ta' sigurtà, kienu tema ta' prijorità għall-Presidenza. Laqgħat ta' diskussjoni ddedikati għall-IPCR saru fit-18 ta' Novembru 2015 u fit-3 ta' Marzu 2016, fil-preżenza b'mod partikolari tal-Italja, tal-Greċja, l-Europol u l-Frontex. Intlaħaq ftehim komuni dwar il-ħtieġa li tizzied is-sigurtà fil-hotspots, biex tiżgura n-nuqqasijiet fi stazzjonijiet disponibbli tal-EURODAC biex tkun żgurata r-reġistrazzjoni tajba u t-teħid tal-marki tas-swaba', biex jiġi ffaċilitat l-iskjerament tal-Uffiċjali ta' Kollegament Nazzjonali fil-hotspots biex jaħdmu mal-Frontex u mal-Europol, u biex ikunu żgurata l-verifiki sistematiċi meta mqabbla ma' diversi bażi tad-data (SIS II, EIS, is-sistema tal-pulizija nazzjonali, VIS u SLTD) ikkomplementati kif meħtieġ minn strumenti oħra bħall-Prüm u l-FADO⁴. Il-Presidenza ssuġġeriet l-iżvilupp mgħaġġel ta' soluzzjoni li tippermetti l-iskambju tal-marki tas-swaba' bejn l-Istati Membri, u sabiex titħaffef il-finalizzazzjoni tal-ftehim bejn il-Frontex u l-Europol għall-iskambju tad-data (miks sub sadanittant).

Qed isiru sforzi biex tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' **dokumenti ffalsifikati**, partikolarment permezz tal-iżvilupp mill-Greċja ta' dokument temporanju ta' identifikazzjoni ġdid b'karatteristiċi tas-sigurtà mtejbien, u l-iskjerament ta' uffiċjali ta' dokumenti esperti fl-Italja u l-Greċja. L-eżempju tal-Grupp ta' Appoġġ għall-Kontroll fuq il-Fruntieri skjerat min-Netherlands integrat f'operazzjonijiet ikkoordinati mill-Frontex għal perijodu ta' sitt xhur huwa notevoli. Dan huwa magħmul minn skwadra ta' 45 persuna multidixxiplinari mgħammra bis-sħiħ (pulizija marittima, pulizija militari, gwardja tal-kosta, esperti ta' dokumenti, eċċ.) li tkun kapaċi tindirizza l-aspetti kollha tas-sigurtà tal-fruntieri u bdiel timplimenta l-kontrolli ta' sigurtà bażika.

⁴ FADO (Dokumenti Foloż u Awtentiċi Online) hija sistema klassifikata ristretta għall-iskambju ta' informazzjoni bejn esperti ta' dokumenti rigward dokumenti tal-ivvjaġġar u tal-identità, stabbilita skont l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/700/ĠAI. Parti mill-informazzjoni tad-dokumenti awtentiċi li jinsabu f'FADO hija rilaxxata lill-pubbliku permezz tas-sistema PRADO. PRADO jinkludi deskrizzjonijiet tekniċi, inklużi deskrizzjonijiet tal-aktar karattarestiċi importanti ta' sigurtà, ta' dokumenti tal-ivvjaġġar u tal-identità. Din l-informazzjoni hija disponibbli fuq is-sit tal-internet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

– **Kooperazzjoni Frontex-Europol-Eurojust / kontrolli ta' sigurtà fir-rigward tal-migranti**

Kien hemm żviluppi sinifikanti fir-rigward tal-kooperazzjoni operazzjonali bejn il-Frontex u l-Europol. Ġie ffirmat **Ftehim Operazzjonali** ġdid bejn l-Aġenziji fl-4 ta' Diċembru 2015 biex tiżdied il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra attivitajiet kriminali transkonfinali permezz tal-iskambju tal-informazzjoni, inkluż data personali ta' persuni ssuspettati b'reati kriminali, u billi jippjanaw b'mod konġunt attivitajiet operazzjonali. Fis-17 ta' Diċembru 2015 il-Bord ta' Tmexxija tal-Frontex adotta Miżuri ta' Implimentazzjoni għall-ipproċessar ta' data personali, li jiddefinixxu l-kondizzjonijiet li fihom il-Frontex tista' tipproċessa data personali miġbura mill-Istati Membri matul jew fil-kuntest tal-Operazzjonijiet Konġunti tal-Frontex, l-Intervenzjonijiet Rapidi u l-Proġetti Pilota. Fl-2016, il-Frontex nediet Eżerċizzju Pilota għall-ipproċessar tad-data personali u għat-trażmissjoni ulterjuri lill-Europol. Bħalissa għaddej proġett pilota fi ħdan l-Operazzjoni Konġunta Triton biex jiddefinixxi l-modalitajiet dettaljati tas-sistema PeDRA, li ser tittratta data personali. Minn hemm 'il quddiem il-KEPD ser ikollu jagħti l-approvazzjoni finali tiegħu qabel l-iskambju ta' data personali bejn l-Europol u l-Frontex ikun jista' jsir sistematiku.

Huwa importanti li l-informazzjoni miksuba mill-Frontex tkun tista' tiġi kondiviża mhux biss mal-Europol, iżda wkoll mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti tal-Istati Membri. Madankollu skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11c tar-Regolament attwali, dan mhuwiex possibbli. Lanqas ma l-Frontex tista' tirċievi jew tuża data personali minn pajjiżi terzi relatati ma' kriminalità u terroriżmu. Il-Frontex għad m'għandhiex aċċess għas-SIS II. Tali **aċċess ikun importanti għal analiżi tar-riskju u għall-qbid tal-ivvjaġġar suspettuż kif ukoll biex tiddaħħal informazzjoni**, b'referenza partikolari għal attivitajiet operazzjonali fil-hotspots u fiż-żona tal-Balkani tal-Punent. Fil-ġejjieni, il-Frontex ser teħtieġ ukoll aċċess għall-bażi ta' data intelliġenti dwar il-fruntieri.

Sabiex ikun appoġġat ir-rispons tal-UE għall-kriżi tal-migrazzjoni, ġew skjerati uffiċjali **tal-Europol** fuq bażi ta' rotazzjoni fil-postijiet li saru disponibbli mill-Frontex fl-uffiċċji tat-Task Force Reġjonali tal-UE (EU RTF) f'Katanja/l-Italja u f'Piraeus/il-Greċja, li jippermettu lill-Frontex u lill-Europol biex jikkoordinaw l-appoġġ lill-Istati Membri l-aktar esposti u biex isir l-aħjar użu possibbli ta' informazzjoni rilevanti li tinġabar fil-hotspots.

Ġew maħtura prosekuturi nazzjonali fl-Italja u l-Greċja bħala punti ta' kuntatt **tal-Eurojust** biex jappoġġaw il-postijiet tal-Hotspots u biex jgħaddu l-informazzjoni u l-każijiet rilevanti lill-Uffiċċji Nazzjonali tal-Eurojust għas-segwitu u l-koordinazzjoni ġudizzjarja fil-livell tal-UE.

4. Armi tan-nar u esplożivi

Fit-8 ta' April 2016, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-istandards minimi komuni għad-diżattivazzjoni tal-armi tan-nar ser jidħol fis-seħħ. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiġu mistiedna jsegwu din u jiżguraw li d-data ta' skadenza tiġi rispettata. Abbażi tal-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni fit-18 ta' Novembru 2015 li taġġorna d-Direttiva dwar l-armi tan-nar 91/477 tat-18 ta' Ġunju 1991, għaddejjin diskussjonijiet fil-Kunsill bil-ħsieb li jintleħaq ftehim dwar approċċ komuni.

Fit-2 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni ħarġet **Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-traffikar illeċitu u l-użu tal-armi tan-nar u esplożivi**. Il-Pjan ta' Azzjoni se jappoġġa l-pakkett legali permezz ta' manwal għall-insewiment u t-traċċar ta' armi tan-nar illegali, il-projbizzjoni possibbli ta' ħlasijiet fi flus kontanti fil-kuntest ta' bejgħ privat jew l-akkwist ta' armi tan-nar u munizzjon u evalwazzjoni tal-modalitajiet għal sistema għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-movimenti fl-UE tal-armi tan-nar. Il-Pjan ta' Azzjoni appella wkoll għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament dwar il-prekursuri tal-esplożivi, u għal reviżjoni tiegħu fl-2016, kif ukoll għall-użu aħjar tal-għodod eżistenti, u għal metodi innovattivi ta' identifikazzjoni biex jindirizzaw it-theddid tal-esplożivi. Il-Kummissjoni qed tappoġġa inizjattivi taħt il-Pjan ta' Azzjoni permezz ta' Fond għas-Sigurtà Interna.

Il-kooperazzjoni operazzjonali għall-indirizzar tal-armi tan-nar permezz tal-Europol taħt **iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità organizzata u serja**, b'mod partikolari fi ħdan il-Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali dwar l-Armi tan-Nar tibqa' prijorità. Matul l-2015, l-għadd ta' Stati Membri parteċipanti fil-prijorità tal-armi tan-nar taħt iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE żdied minn 13 għal 20. L-użu akbar ta' **Punt Fokali (PF) dwar l-Armi tan-Nar** huwa sinifikanti. Mill-ftuħ tal-Punt Fokali dwar l-Armi tan-Nar f'Jannar 2014, dan irċieva, sal-lum, aktar minn 3.500 kontribut, li għandhom x'jaqsmu ma' madwar 663 każ investigattiv, li jinvolvu aktar minn 42.000 arma tan-nar, aktar minn 29.560 individwu u madwar 3.340 kumpanija (suspettuża). Il-Punt Fokali dwar l-Armi tan-Nar irċieva 2.072 kontribut fl-2015, li jammontaw għal 59 % tal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet riċevuti (3.507), żieda ta' 51 % matul l-2014 (minn 1.370 fl-2014 għal 2.072 sa tmiem l-2015, b'kollox 3.442 sa tmiem l-2015 — issa aktar minn 3.507 kontribuzzjoni).

Il-Frontex żiedet l-involvement tagħha f'sitt azzjonijiet operazzjonali, b'attenzjoni speċjali fuq il-Balkani tal-Punent u għandha rwol importanti fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar fil-fruntieri esterni tal-UE. Is-Servizzi ta' Fużjoni tal-Eurosur tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-mexxejja ta' azzjoni tal-EMPACT bil-għan li tiġi ffaċilitata l-ġlieda kontra t-traffikar transkonfinali tal-armi tan-nar. Il-fażi ta' prova għall-indikaturi l-ġodda ta' kriminalità relatata mal-armi tan-nar bdiet mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fi ħdan il-qafas tal-programm reġjonali tan-Netzwerk ta' Analiżi tar-Riskju tal-Balkani tal-Punent (WB-RAN), immexxi mill-Frontex. Din għandha l-għan li tiġbor id-data dwar l-identifikazzjoni tal-armi tan-nar illegali fil-fruntieri. Wara l-fażi pilota, ser issir valutazzjoni matul it-tieni nofs tal-2016 għal konsolidazzjoni possibbli tal-mudell il-ġdid tal-iskambju tad-data, li se jikkontribwixxi għal tfassil aħjar tar-rispons operazzjonali. Il-Frontex ħadet sehem fil-Jiem ta' Azzjoni Konġunta organizzati taħt l-Operazzjoni Blue Amber fl-2015 immirati biex jindirizzaw it-traffikar tal-armi tan-nar u ser tkompli tappoġġa l-Jiem ta' Azzjoni Konġunta fl-2016 permezz ta' Operazzjonijiet Konġunti bi skopijiet multipli, speċjalment fiż-żona tal-Balkani tal-Punent.

Il-COSI qabel li jiġġenera ħarsa ġenerali tal-azzjonijiet kollha fir-rigward ta' armi tan-nar illegali.

5. Servizzi ta' Sigurtà

Sabiex tiżdied il-kooperazzjoni tas-servizzi ta' sigurtà barra mill-kuntest tal-UE, taħt it-tmexxija tal-Presidenza Netherlandiża, il-Grupp ta' Kontra t-Terroriżmu qed jaħdem biex isaħħaħ l-iskambji multilaterali f'ħin reali, u għandu l-għan li jniedi pjattaforma ġdida biex jiffaċilita dan sa nofs l-2016. Il-President tal-Grupp ta' Kontra t-Terroriżmu informa lill-Kunsill informali ĠAI tal-25 ta' Jannar 2016 dwar il-miżuri ppjanati.

Minbarra l-kooperazzjoni sinifikanti li diġà saret mill-Istati Membri saret laqgħa tal-awtoritajiet governattivi Ewropej⁵ f'Pariġi fl-1 ta' Frar 2016, fuq l-inizjattiva tal-Koordinatur tal-Intelligence Nazzjonali Franċiża, taħt l-awspiċju tal-Ministru għall-Intern, Bernard Cazeneuve, bil-parteċipazzjoni tal-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu (CTC).

⁵ L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, Franza, l-Italja, l-Irlanda, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit.

6. Ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu

Fit-2 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni ppreżentat **Pjan ta' Azzjoni** biex issaħħaħ il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, li fih total ta' 20 miżura li għandhom jittieħdu, inklużi proposti għal atti leġislattivi u azzjoni mhux leġislattiva. Fit-12 ta' Frar 2016, **il-Kunsill ECOFIN adotta konklużjonijiet** li jilqgħu b'sodisfazzjon il-pjan ta' azzjoni, b'mod partikolari l-emendi tad-direttiva kontra l-ħasil tal-flus u l-implimentazzjoni mgħaġġla ta' miżuri ta' ffriżar tan-Nazzjonijiet Uniti. L-Istati Membri ġew imħeġġa sabiex jaċċelleraw it-traspożizzjoni tad-direttiva dwar il-ħasil tal-flus. Il-Kunsill appella għall-istabbiliment ta' pjattaforma tal-UE dwar persuni u entitajiet li fir-rigward tagħhom l-Istati Membri individwali jkunu imponew l-iffriżar ta' assi relatati mat-terroriżmu skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom.

Ir-raba' **Direttiva dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLD)** adottata fl-20 ta' Mejju 2015 trid tiġi legalment implimentata fuq livell nazzjonali sa mhux aktar tard minn tmien l-2016. Il-Kummissjoni ser tippreżenta proposta leġislattiva biex temenda r-raba' AMLD fir-rigward ta' miżuri ta' diliġenza dovuta armonizzata u msaħħa u/jew kontromiżuri potenzjali fir-rigward ta' pajjiżi terzi b'riskju għoli, pjattaformi virtwali ta' skambju tal-muniti, strumenti mħallsa minn qabel, aċċess tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (FIU) u awtoritajiet kompetenti oħra fil-banek ċentralizzati u reġistri ta' kontijiet ta' pagament jew sistemi elettroniċi għall-irkupru tad-data, u t-titjib tal-aċċess u l-iskambju ta' informazzjoni mill-FIUs. Il-Kummissjoni ħabbret ukoll li dalwaqt se tippreżenta Pjan ta' Azzjoni tal-UE biex tindirizza l-flussi finanzjarji illeċiti marbutin mat-traffikar ta' speċijiet slavaġ.

Ir-Risoluzzjoni 2253 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ġiet adottata fis-17 ta' Diċembru 2015 biex tissaħħaħ l-azzjoni kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, b'mod partikolari kontra d-Daesh. Hija tħeġġeġ involviment imsaħħaħ mas-settur privat. L-Istati Membri u l-Europol għandhom isaħħu aktar l-involviment tagħhom mas-settur privat biex jiġġieldu b'mod effettiv il-finanzjament tat-terroriżmu fil-livell operazzjonali.

– ***TFTP bejn L-UE u L-Istati Uniti***

Sal-lum, aktar minn 16.700 ħjiel tal-intelligence ġew ipprovduti mit-TFTP minn meta daħlet fis-seħħ fl-2010. Minn Jannar 2015 sal-aħħar ta' Jannar 2016, ġie ppreżentat 50 kontribut mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti u 160 talba ntbagħtet mill-Istati Membri u mill-Europol, li ġġeneraw total ta' akar minn 9.400 ħjiel ta' intelligence ta' rilevanza fit-28 Stati Membri. Dan jinkludi kważi 100 skambju fit-TFTP dwar l-ivjaġġar ta' ġellieda (Sirja/Iraq/IS), li wasslu għal aktar minn 2.900 ħjiel speċifiku għal dan il-fenomeni (rilevanti għal 27 Stat Membru). It-TFTP appoġġat ukoll l-investigazzjonijiet tal-attakki terroristiċi ta' Novembru 2015, li ġġeneraw qrib 800 ħjiel. Minn perspettiva ġenerali, it-TFTP wera li huwa għodda siewja fl-investigazzjonijiet kontra t-terroriżmu: huwa jsaħħaħ l-abbiltà li jinkixfu networks terroristiċi, u ta' spiss jiġbor ħoloq li jkunu neqsin mill-katina investigattiva.

L-Artikolu 4 tal-Ftehim TFTP bejn l-UE u l-Istati Uniti jeskludi data tat-tranżazzjonijiet finanzjarji relatata maż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA) mill-kamp ta' applikazzjoni tat-TFTP (tranżazzjonijiet finanzjarji denominati f'euro ta' kull Stat Membru tal-UE, kif ukoll l-Iżlanda, in-Norveġja, il-Liechtenstein, l-Iżvizzera, Monaco u San Marino). Il-valutazzjoni tal-impatt tal-2013 ikkonkludiet li sistema ta' traċċar fi ħdan is-SEPA ma kinitx proporzjonali u kellha valur miżjud limitat.

Minn Frar 2014, il-pajjiżi kollha tal-euro kellhom jissostitwixxu t-trasferimenti kollha ta' kreditu u d-debiti diretti bl-euro ta' tranżazzjonijiet relatati mas-SEPA fiż-żona tal-euro. Eżenzjonijiet tranżizzjonali fl-Istati Membri tal-UE waqfu fi Frar 2016. Sa tmiem Ottubru 2016, il-pajjiżi kollha mhux tal-UE li qegħdin fis-SEPA huma previsti li jkunu konformi mal-qafas tas-SEPA. F'dan l-isfond, it-TFTP ma jipprovdix għodda biex jittraċċa l-attivitajiet (finanzjament) tat-terroriżmu fi ħdan u bejn il-pajjiżi SEPA għal tranżazzjonijiet SEPA li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Ftehim TFTP bejn l-UE u l-Istati Uniti.

Dan jimplika, b'mod partikolari, nuqqas ta' informazzjoni li tidentifika informazzjoni kuntestwali dwar il-ġellieda terroristi barranin u l-assoċjati tagħhom fi ħdan il-pajjiżi SEPA, u b'hekk jitnaqqsu l-opportunitajiet biex jinqabdu u jiġu sfrattati n-networks (ta' appoġġ) terroristiċi, inklużi l-attivitajiet relatati ta' finanzjament. L-integrazzjoni tan-network tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (FIU) fil-Europol fl-2016 mhux se timla l-vojt ta' informazzjoni, ladarba l-approċċ tat-TFTP mhux parti mill-metodi ta' ħidma tan-Network tal-FIUs. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE tal-Kummissjoni biex issaħħaħ il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, ippublikat fit-2 ta' Frar 2016, isemmi li l-Kummissjoni għandha tesplora l-ħtieġa ta' sistema komplementarja għall-ftehim tat-TFTP bejn l-UE u l-Istati Uniti sar-raba' kwart tal-2016.

– ***FIU.net***

FIU.net ġiet inkorporata fil-Europol (ECTC) fl-1 ta' Jannar 2016. Attwalment, l-Europol għandha l-pjattaforma iżda m'hemm l-ebda interkonnessjoni bejn FIU.net u l-bażijiet ta' data tal-Europol. FIU.net tagħti l-possibbiltà lill-FIUs nazzjonali biex jikkomunikaw u jqabblu d-data bejn FIU u oħra f'ħin reali. Fl-2016, l-attenzjoni hija fuq it-tlestija tal-integrazzjoni FIU.net fil-Europol f'termini ta' governanza u teknoloġija. F'dan il-kontest, huwa importanti li jiġu ppreservati l-karatteristiċi u t-teknoloġija tal-bażi ta' data Match3.

7. Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Networks u tal-Infommazzjoni (NIS)

Fis-7 ta' Diċembru 2015, il-Presidenza Lussemburgiża laħqet ftehim informali mal-Parlament Ewropew dwar regoli komuni li jsaħħu s-sigurtà tan-networks u l-infommazzjoni fl-UE. Id-direttiva l-ġdida ser tistabbilixxi obbligi ta' ċibersigurtà għall-operaturi ta' servizzi essenzjali u fornituri ta' servizzi diġitali. Dawn l-operaturi ser ikollhom jieħdu miżuri biex jimmaniġġjaw riskji ċibernetiċi u jirrapportaw inċidenti serji ta' sigurtà, iżda ż-żewġ kategoriji ser ikunu soġġetti għal sistemi differenti. Fix-xhur li ġejjin, il-Presidenza Netherlandiża qed tippjana li torganizza laqgħat marbuta mal-istabbiliment tan-network CSIRT (network ta' kooperazzjoni operazzjonali).

8. Evidenza elettronica

Il-mezzi ta' komunikazzjoni bl-internet u l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali multipli, inklużi teknoloġiji bbażati fuq il-kriptaġġ huma modus operandi użati ferm għal skopijiet terroristiċi. Il-Presidenza tal-Lussemburgu nediet dibattitu politiku wiesa' fil-Kunsill dwar kwistjonijiet relatati mal-għbir u l-użu ta' evidenza elettronica fi proċedimenti kriminali, bħalma huma l-effiċjenza tal-qafas eżistenti dwar l-assistenza legali reċiproka (MLA), l-effett tal-invalidar tad-Direttiva 2006/24/KE (Direttiva dwar iż-Żamma tad-Data) mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-cloud computing u l-ġurisdizzjoni, il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi u mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti, b'mod partikolari, kif ukoll il-bżonn li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali f'dan il-qasam. Abbażi ta' esperjenzi operazzjonali u prattiċi, dokument konġunt Eurojust-Europol (dok. 14812/15) ppreżenta *Sfidi Komuni fil-Ġlieda kontra ċ-Ċiberkriminalità* u l-approċċi possibbli biex jiġu indirizzati tali sfidi minn prospettiva tal-infurzar tal-liġi u tal-prosekuzzjoni.

Id-diskussjoni dwar dawn il-kwistjonijiet qed tiġi żviluppata aktar mill-Presidenza Netherlandiża b'enfasi partikolari fuq kif jistgħu jiġu żgurati proċessi effettivi tal-MLA, kif se tiddefinixxi approċċ komuni dwar, pereżempju, ir-regoli ta' ġurisdizzjoni applikabbli fejn ma tkunx magħrufa l-post tad-data jew l-orijini ta' attakk ċibernetiku, u kif jista' jiġi stabbilit qafas komuni għall-kooperazzjoni mas-settur privat, b'mod partikolari mal-fornituri barranin tas-servizz tal-internet. Wara d-diskussjoni fil-laqgħa informali tal-Ministri għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (25–26 ta' Jannar 2016, Amsterdam), aktar għarfien espert dwar dawn il-kwistjonijiet ser jiġi mfittex waqt il-Konferenza tal-Presidenza dwar il-Ġurisdizzjoni fiċ-Ċiberspazju tas-7 u t-8 ta' Marzu 2016. L-eżiti ta' din il-Konferenza ser ikunu fuq l-aġenda tal-Kunsill ĠAI f'Ġunju 2016.

II. PREVENZZJONI TAR-RADIKALIZZAZZJONI U SALVAGWARDJAR TAL-VALURI

1. Prevenzjoni - ġenerali

Il-Presidenza Netherlandiża organizzat il-Konferenza "Aħseb globalment u aġixxi lokalment: Approċċ komprensiv fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti" (traduzzjoni mhux uffiċjali) fl-1 u t-2 ta' Frar 2016 f' Amsterdam biex tiġi diskussa l-importanza tal-atturi lokali fl-isforz madwar l-UE kollha fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u ta' approċċi personalizzati għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, inkluż enfasi fuq aspetti relatati tal-ġeneru u attenzjoni għal dawk li jirritornaw. It-tisħiħ ta' kapaċitajiet lokali sabiex jindirizzaw ir-radikalizzazzjoni permezz ta' strutturi ta' diversi aġenziji ser ikunu wkoll indirizzati permezz tal-Grupp ta' Ħidma LOCAL ġdid tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN). Dan il-grupp ta' ħidma jservi ta' bażi għall-interazzjoni ma' inizjattivi rilevanti oħrajn.

– Ċentru ta' Eċċellenza tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN)

Il-Kummissjoni allokata sa EUR 25 miljun bejn l-2014 u l-2017 għaċ-Ċentru ta' Eċċellenza tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN) stabbilit fl-1 ta' Ottubru 2015. Iċ-ċentru l-ġdid ikun diġà beda l-operazzjonijiet tiegħu, inkluża żjara ta' studju f'ħabsijiet ta' Pariġi u Vugħt (NL) u dwar l-approċċ Ġermaniż għall-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti tal-lemin. Il-laqgħat indirizzaw kif jiġu identifikati u ttrattati atturi solitarji jew kif jiġu involuti l-professjonisti tas-saħħa mentali fi strateġiji ta' ħruġ. Il-gruppi ta' ħidma dwar "l-edukazzjoni", "il-ħabs u l-probazzjoni", "il-Pulizija u l-Infurzar tal-Liġi", "iż-Żgħażaġħ, il-Familji u l-Komunitajiet", "il-Komunikazzjoni u n-Narrativi", "l-Awtoritajiet Lokali", "it-Tifkira tal-Vittmi tat-Terroriżmu" kif ukoll "is-Saħħa u l-Kura Soċjali" itaqgħu wkoll. Aktar laqgħat u gruppi ta' ħidma huma skedati għall-ġimgħat li ġejjin.

Iċ-Ċentru ta' Eċċellenza tar-RAN jinkoraġġixxi lill-akkademiċi u lill-prattikanti jkunu involuti fl-attivitajiet tiegħu. Sabiex tikber il-kostitwenza tal-grupp ta' ħidma RAN Local li twaqqaf reċentement, kif ukoll il-grupp ta' ħidma RAN dwar is-Saħħa u l-Kura Soċjali, il-prattikanti b'mod partikolari mil-Lvant u n-Nofsinhar tal-Ewropa huma mistiedna japplikaw. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu japplikaw għal appoġġ tar-RAN imfassal apposta (taħriġ, workshops u konsulenza) fl-Istat Membru tagħhom, iffinanzjati bis-sħiħ mill-Kummissjoni - diġà sar workshop taċ-Ċentru ta' Eċċellenza tar-RAN dwar linji ta' għajnuna fi Vjenna u workshop tar-RAN għat-taħriġ ta' min iħarreġ f'Ateni. Il-Kummissjoni qed tfittex li tinvolvi lir-RAN f'attivitajiet ma' Stati terzi ewlenin, b'attenzjoni fuq ir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tat-Tramuntana tal-Afrika (MENA), il-Balkani tal-Punent u t-Turkija.

2. L-internet

– *Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet tal-UE (IRU)*

L-UE żammet l-enfasi tagħha fuq il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni fuq l-internet. L-UE IRU fil-Europol, li issa hija parti mill-ECTC, identifikat 3,351 oġġett b'kontenut potenzjalment vjolenti/estremist, li wassal għal 2,037 indikazzjoni u 1,793 każ ta' tneħħija. Ir-rata ta' suċċess tal-indikazzjonijiet hija ta' 88%. L-involviment proattiv mal-fornituri tas-servizz tal-internet għadu għaddej. Sa mit-twaqqif tagħha fl-1 ta' Lulju 2015, waslu 144 kontribuzzjoni minn 26 Stat Membru. **Sabiex l-EU IRU tkun suċċess, jeħtieġ li l-Istati Membri jaħdmu mill-qrib mal-IRU sabiex tkun tista' żżid il-volum ta' indikazzjonijiet.** Erba' Stati Membri għadhom ma ħatrux punt ta' kuntatt nazzjonali għall-IRU u għandhom jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli. Kemm il-kapaċitajiet tal-EU IRU ikunu ta' suċċess jiddependi ħafna fuq ir-riżorsi. L-għan tal-Unità huwa li tintlaħaq il-kapaċità ta' persunal li huwa maqbul u previsti fil-pjan ta' azzjoni tagħha. Fl-2016, l-IRU ser tiżviluppa l-kunċett ċentralizzat ta' monitoraġġ tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, ser tiżviluppa l-kapaċitajiet tal-EU IRU biex tiddeċifra l-funzjonijiet tan-netwerks ġiħadisti fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, tiġi żviluppata aktar ir-relazzjoni mas-settur privat, inkluż “Jiem ta' Azzjoni Konġunta”, tikkontribwixxi b'mod attiv għall-Forum tal-UE dwar l-Internet, l-iżvilupp ta' Pjattaforma ta' Esperti tal-Europol (EPE) ddedikata sabiex tistruttura u tiffaċilita l-kuntatti ma' ċentri akkadeimiċi u ta' riċerka.

– *Forum tal-Internet tal-UE*

Fit-3 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni ospitat l-ewwel laqgħa f'livell Ministerjali tal-Forum tal-Internet tal-UE bejn il-Ministri tal-ĠAI u rappreżentanti għolja mill-kumpanniji ewlenin dinjin tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali. Il-partekipanti qablu li d-DAESH u gruppi estremisti oħra kienu qed jisfruttaw l-internet biex ixerrdu l-propaganda, ifittxu rekluti ġodda, u biex jinkoraġġixxu atti ta' vjolenza. Huma qablu wkoll dwar l-importanza li jkun hemm mekkaniżmi effettivi fis-seħħ bejn il-Gvern u l-industrija li jneħħu kontenut terroristiku fil-pront, u li jiġu promossi kontronarrattivi effettivi. Fit-3 ta' Diċembru l-Ministri kkonfermaw ukoll li għandhom jittieħdu azzjonijiet biex jiġi stabbilit Djalogu fil-livell tal-UE mal-industrija dwar id-diskors ta' mibegħda online. Meta xieraq, dan id-Djalogu tal-UE ser juża l-qafas tal-forum tal-IT tal-UE b'sinerġija sħiħa mal-ħidma li saret fil-ġlieda kontra t-terroriżmu.

Il-Forum reġa' ltaqa' fi Brussell fit-22 ta' Jannar 2016 biex jiddiskuti pjan direzzjonali għal azzjoni konkreta fl-2016. Il-pjan direzzjonali u l-prijoritajiet tiegħu qed jiġu żviluppati abbażi ta' kontributi mill-partijiet ikkonċernati kollha, li jkopru l-oġettivi diskussi fl-avveniment tat-tnedija, inklużi miżuri li jindirizzaw id-diskors ta' mibegħda online u kif tista' titjeb b'mod effettiv it-tneħħija ta' kontenut dannuż.

– ***Grupp Konsultattiv għall-Komunikazzjoni Strateġika dwar is-Sirja (SSCAT)***

Is-SSCAT organizza l-ewwel sessjoni ta' taħriġ tiegħu għal esperti minn 20 Stat Membru u rappreżentanti tal-Kummissjoni u s-SEAE f'Diċembru 2015. Matul it-taħriġ, Facebook, Twitter u Youtube ipprovdew lin-network b'pariri prattiċi biex il-parteciċipanti jagħrfu l-potenzjal tal-pjattaformi rispettivi biex jimmassimizzaw it-twettiq tal-kampanji online. Barra minn hekk, Al Jazeera ippreżenta d-dokumentarju web tiegħu, *Life on Hold*. L-oġettiv kien li l-għarfien tas-settur privat jiġi kondiviż man-network tas-SSCAT, speċjalment rigward l-aħħar teknoloġiji, tekniki ta' narrazzjoni diġitali u l-proċess editorjali.

Taħt il-proġett attwali, il-kollaborazzjoni tas-SSCAT ma' RICU, l-Uffiċċju tal-Intern tar-Renju Unit, ser tkompli sa Ġunju 2016. Għal dan il-perijodu, it-tim konsultattiv ġie aġġornat biex jinkludi direttur kreattiv prinċipali li jista' jirrispondi aħjar għat-talbiet kreattivi speċifiċi mill-klijenti tal-Istat Membri. S'issa, 13-il Stat Membru għamel użu mis-servizz konsultattiv tas-SSCAT. Il-Laqgħa tan-Network SSCAT li jmiss ser issir fi Brussell fis-16 ta' Marzu 2016 u ser tiġi organizzata konferenza f'Ġunju 2016. L-arranġamenti għat-tkomplija tal-proġett wara nofs l-2016 bħalissa qed jiġu ffinalizzati mal-Kummissjoni.

3. Rispons tal-Ġustizzja Kriminali għar-radikalizzazzjoni

Wara l-konferenza ta' livell għoli tad-19 ta' Ottubru 2015 dwar ir-rispons tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni, il-Kunsill adotta l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2015 dwar it-tisħiħ tar-rispons tal-ġustizzja kriminali għar-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti. Il-Kummissjoni ħadet l-ewwel passi li ġejjin biex timplimenta l-konklużjonijiet.

Fuq talba tal-Kummissjoni, in-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) aġġusta l-baġit tiegħu għall-2015 u l-2016 u bejn Ottubru 2015 u Marzu 2016 organizza erba' sessjonijiet ta' taħriġ ta' ġurnata u nofs il-waħda dwar l-aspetti ġudizzjarji tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni. Il-programm jitwettaq b'kooperazzjoni mal-akkademji ġudizzjarji ta' Franza, Spanja, il-Ġermanja u l-Belġju u huwa miftuħ għal imħallfin u prosekuturi mit-28 Stat Membru tal-UE fejn hija mistennija l-parteciġazzjoni ta' 240 imħallef/prosekutur/ħarrieġ ġudizzjarju. Erbgħa u ħamsin imħallef u prosekutur speċjalizzat u mhux speċjalizzat qed jipparteċipaw fi skambji li jdumu medja ta' 3 ijiem u li qed isiru f'seba' Stati Membri tal-UE (IT, FR, UK, BE, SE, ES, DE). Sabiex jiġu konklużi u jingħalqu l-attivitajiet ta' taħriġ ġudizzjarju mitluba mill-Kummissjoni, ser ikun hemm konferenza finali fl-20 ta' Mejju 2016 bil-parteciġazzjoni tal-Kummissarju Jourova fi Brussell u enfasi partikolari fuq it-taħriġ għall-persunal tal-ħabsijiet dwar id-deradikalizzazzjoni.

Ġie allokati ukoll il-finanzjament tal-proġetti taħt il-Programm tal-Ġustizzja tal-2015 u l-2016: Ġie allokati EUR 1.5 miljun għal sejħa għal proposti dwar it-taħriġ ġudizzjarju għall-2015 (JUST/2015/JTRA/AG/EJTR) taħt il-prijoritajiet "L-aspetti ġudizzjarji tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata" u "Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni waqt id-detenzjoni". L-evalwazzjoni għadha għaddejja.

Ġie allokati EUR 1 miljun għal sejħa għal proposti dwar it-taħriġ ġudizzjarju għall-2015 (JUST/2015/JCOO/AG) taħt il-prijorità "niġġieldu t-terroriżmu billi nipprevjenu r-radikalizzazzjoni". Is-sejħa ġiet ippubblikata f'Novembru 2015 u għalqet f'Jannar 2016. Fost il-prijoritajiet kien hemm: (1) Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet, inklużi l-programmi ta' riabilitazzjoni; (2) Il-promozzjoni ta' alternattivi għad-detenzjoni u sħarriġ dwar ir-rwol tal-probazzjoni fil-livell tal-UE fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, inklużi l-programmi ta' riabilitazzjoni; (3) L-iżvilupp ta' metodoloġiji għall-valutazzjoni tar-riskju (4) Ir-rwol tas-sistemi ta' ġustizzja għall-minorenni fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu. Il-Kummissjoni rċeviet biss ftit applikazzjonijiet, li bħalissa qed jiġu evalwati.

Il-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2016 tal-programm tal-Ġustizzja (li għadu ma ġiex adottat) jinkludi sejħa għal proposti għal għotjiet ta' azzjoni biex jiġu appoġġati proġetti bl-għan li jipprevjenu r-radikalizzazzjoni li twassal għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti għal ammont ta' EUR 4 miljun. Din is-sejħa ser tiġi ppubblikata f'nofs l-2016, il-prijoritajiet ser ikunu għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rispons tal-ġustizzja kriminali tal-20 ta' Novembru 2015.

Il-Kummissjoni qiegħda tikkoopera mal-Eurojust dwar il-Monitor tal-Kundanni għal Terroriżmu (TCM) rigward il-qafas leġislattiv applikabbli u l-ġurisprudenza rilevanti fl-Istati Membri dwar it-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni vjolenti, inkluż l-użu ta' alternattivi għall-prosekuzzjoni u d-detenzjoni. Il-Kummissjoni taħdem mal-Konfederazzjoni Ewropea tal-Probazzjoni (CEP) u l-EuroPris, it-tnejn li huma ffinanzjati permezz ta' għotjiet operattivi taħt il-Programm tal-Ġustizzja, sabiex tinvolvihom fit-taħriġ speċifiku ta' persunal tal-ħabs u tal-probazzjoni. Il-EuroPris organizza Grupp ta' Esperti dwar ir-Radikalizzazzjoni fl-24 u l-25 ta' Novembru 2015. Fis-26 ta' April 2016, il-Pjattaforma tal-Ġustizzja Kriminali (l-EuroPris, is-CEP u l-Forum Ewropew għall-Ġustizzja Restorattiva) ser torganizza konferenza dwar ir-Radikalizzazzjoni u l-Estremiżmu Vjolenti f'Barċellona. Il-Kummissjoni qed tikkollabora ukoll mal-Kunsill tal-Ewropa: il-Grupp ta' Ħidma għall-Kooperazzjoni Penoloġika (PC-CP) qed jaħdem fuq Manwal dwar ir-radikalizzazzjoni għall-persunal tal-ħabsijiet. Fl-2016, id-DĠ Ġustizzja ser jipprovdi għotja diretta lill-Kunsill tal-Ewropa għall-iżvilupp tal-Istatistiċi SPACE u biex jitwaqqaf Netwerk ta' korpi għall-monitoraġġ tal-ħabsijiet (netwerk NPM tal-UE) fl-Istati Membri. Dan ser jippermetti l-ġbir ta' data fuq kemm hi mifruxa l-kwistjoni ta' radikalizzazzjoni fl-Istati Membri.

Il-Grupp tal-Ħabsijiet u l-Probazzjoni RAN ser ikun ukoll involut fl-implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-20 ta' Novembru 2015.

4. **Prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni permezz tal-edukazzjoni, il-promozzjoni tat-tolleranza u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu u l-ksenofobija**

– ***Edukazzjoni***

Il-Kummissjoni qed tipprevedi **inizjattivi konkreti fil-qasam tal-edukazzjoni, iż-żgħażaġh, il-kultura u l-isport għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni**. Huma previsti proġetti ewlenin kif ukoll sejħiet apposta fi ħdan Erasmus + (EUR 400 miljun sal-2020). L-oġettivi tad-dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-ministri tal-edukazzjoni tas-17 ta' Marzu 2015 diġà ngħataw prijorità għall-finanzjament Erasmus + mill-2016.

– ***Il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija***

Il-Kummissjoni, fir-rwol tagħha bħala l-Gwardjan tat-Trattati, minn Diċembru 2015 'l hawn nediet inkjesti dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2008/913/ĠAI dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali f'għadd ta' Stati Membri, bl-għan li tniedi proċedimenti ta' ksur fejn meħtieġ.

Fl-istess ħin, qed tiżdied l-azzjoni sabiex l-Istati Membri jiġu megħjuna **jiżviluppaw prattiċi proattivi ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni**, inkluż l-istabbiliment fl-2016 ta' grupp ta' ħidma ta' livell għoli tal-UE ġdid dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza bħala pjattaforma biex tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattika, tiżviluppa gwida għall-Istati Membri u żżid il-kooperazzjoni ma' atturi rilevanti, inkluża s-soċjetà ċivili. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' intolleranza jibqgħu prijorità għall-finanzjament taħt il-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza, u l-finanzjament ser jiġi pprijoritizzat ulterjorment fl-2016 biex jappoġġa t-taħriġ speċifiku ta' uffiċjali pubbliċi, u jinkoraġġixxi l-monitoraġġ, ir-rapportar u r-reġistrazzjoni ta' inċidenti ta' reati ta' mibegħda u ta' diskors ta' mibegħda.

Barra minn hekk, bħala segwitu dirett għall-**Ewwel Kollokju Annwali dwar id-Drittijiet Fundamentali** li sar fl-1 u t-2 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni ħatret lis-Sinjura Katharina von Schnurbein bħala koordinatur tal-ġlieda kontra l-anti-semitiżmu u s-Sur David Friggieri, bħala koordinatur tal-ġlieda kontra l-mibegħda anti-Musulmana. Il-kompiti ewlenin taż-żewġ koordinaturi ser ikunu li jiġbdu l-attenzjoni tal-livell politiku tal-Kummissjoni għat-tħassib tal-komunitajiet rispettivi, u jgħinu fil-koordinazzjoni tal-isforzi fis-servizzi kollha fil-kuntest tal-politika ġenerali tal-Kummissjoni dwar ir-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza. Il-koordinaturi ser jikkollaboraw mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, istituzzjonijiet oħra u organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili.

— ***L-indirizzar tat-tixrid ta' diskors ta' mibegħda online li jinċita l-vjolenza u mibegħda***

Tnieda **Djalogu tal-UE ma' kumpanniji tal-IT, l-Istati Membri u l-atturi tas-soċjetà ċivili dwar id-diskors ta' mibegħda online** b' segwitu għall-ewwel Kollokju Annwali dwar id-Drittijiet Fundamentali li sar fl-1 u t-2 ta' Ottubru 2015. L-għan ta' dan id-Djalogu tal-UE huwa li jeżamina modi biex isaħħaħ l-iżvilupp ta' kontronarrattivi, jegħleb l-isfidi attwali għat-titjib tas-sistemi ta' rapportar fis-seħħ u jiżgura t-tneħħija fil-pront ta' diskors ta' mibegħda illegali li jinċita l-vjolenza, jiddiskuti r-rwol ta' "ġurnalisti fdati" u dak tas-soċjetà ċivili biex jaqbd u jinnotifikaw diskors ta' mibegħda online kif ukoll iż-żieda ta' trasparenza fl-applikazzjoni ta' proċeduri ta' avviż u ta' tneħħija.

Il-ħidma fuq id-diskors ta' mibegħda online torbot mal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, li tnediet f'Mejju 2015. F'dan il-kuntest, f'termini ta' rispons regolatorju, il-konsultazzjoni pubblika fuq il-pjattaformi u l-kontenut illegali għalqet fit-30 ta' Diċembru 2015 li eżaminat, fost oħrajn, il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni tar-responsabbiltà fid-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, il-proċeduri ta' avviż u azzjoni u d-dmir ta' diliġenza. Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva li fiha regoli li jipprojbixxu xandiriet li fihom diskors ta' mibegħda qed tiġi riveduta wkoll, b'mod partikolari biex tiġi eżaminata l-effettività tad-Direttiva fil-kuntest tal-konverġenza tal-media.

– ***Sett ta' għodod ta' komunikazzjoni għall-komunikazzjoni tar-rispett, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni fl-UE***

F'Diċembru 2015, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Ministeru Federali tal-Intern tar-Repubblika tal-Awstrija organizzaw b'mod konġunt workshop fi Vjenna dwar l-iżvilupp ta' sett ta' għodod tal-aħjar prattiki għall-komunikazzjoni tar-rispett, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni fl-UE. Fost il-parteċipanti kien hemm rappreżentanti mill-istituzzjonijiet tal-UE, awtoritajiet nazzjonali u lokali, u esperti tal-komunikazzjoni li jispjegalizzaw fil-ġlieda kontra r-rażziżmu, id-deradikalizzazzjoni, u t-trawwim tat-tolleranza, ir-rispett u n-nondiskriminazzjoni. L-eżiti ewlenin kienu li: il-komunikazzjoni ma għandhiex tinftiehem bħala strument li jaħdem f'direzzjoni waħda, minn fuq għal isfel, iżda bħala dialogu; is-sħab għal dak id-dialogu għandhom ikunu inklużi fid-disinn ta' tali strateġiji ta' komunikazzjoni; ġie ssottolinjat ir-rwol tal-atturi fil-livell lokali; jeħtieġ li jiġu kkomunikati d-drittijiet u l-valuri kif imnaqqxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jeħtieġ li minflok reazzjoni nimxu lejn il-prevenzjoni, li tmur lil hinn minn "kontro" narrattivi għal narrattivi pożittivi. L-eżiti ser jiġu ppreżentati fil-Gruppi ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill u lill-atturi rilevanti fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Ir-riżultati ser jikkontribwixxu wkoll għall-Forum tal-FRA dwar id-Drittijiet Fundamentali f'Ġunju 2016.

III. KOOPERAZZJONI MAS-SĦAB INTERNAZZJONALI TAGĦNA

Il-Kunsill Affarijiet Barranin (KAB) kellu diskussjoni fl-14 ta' Diċembru dwar il-prijoritajiet esterni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu (CT) tal-UE u qabel, kif indikat f'ittra mir-Rappreżentant Għoli li ġiet iċċirkolata minn qabel, dwar il-ħtieġa għall-implimentazzjoni urġenti tal-Konklużjonijiet tal-KAB dwar is-CT tad-9 ta' Frar 2015. L-ittra tar-Rappreżentant Għoli iffokat fuq għadd ta' reġjuni ta' prijorità fejn it-theddida minn gruppi terroristi għall-interessi tal-UE hija l-aktar evidenti (il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq; it-Turkija; u l-Balkani tal-Punent) u indikat għadd ta' prijoritajiet tematiċi, fosthom il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, il-finanzjament tat-terroriżmu, u s-sigurtà tal-avjazzjoni.

Il-pakketti dwar is-CT huma f'diversi stadji ta' żvilupp b'għadd ta' pajjiżi ta' prijorità fir-reġjun tal-MENA u t-Turkija.

Qed titħejja ittra mir-Rappreżentant Għoli/Viċi President Mogherini lill-Prim Ministru Tuneżin, li tiddekrivi l-pakkett komprensiv dwar is-CT li ser jiġi offrut lit-**Tuneżija**, maqbul mill-KPS fis-26 ta' Novembru 2015. B'mod parallel, il-ħidma għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li jinsabu fil-pakkett miexja 'l quddiem. It-Tuneżija ħatret koordinatur għall-programm ta' EUR 23 miljun għar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS), sabiex tkun tista' tibda l-implimentazzjoni. Id-deċiżjoni finanzjarja tal-Kummissjoni li jiġu skjerati għadd ta' esperti biex jaħdmu mal-awtoritajiet Tuneżini b'appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċ komprensiv għas-CT ġiet adottata f'Diċembru 2015. F'Jannar 2016, beda proġett li jappoġġa l-fergħa ġudizzjarja għas-CT (strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (IcSP) fit-tul, EUR 300 000). F'Diċembru 2015, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni dwar proġett biex jiżdied l-impenn tal-komunità fis-sigurtà tal-fruntieri u l-ġestjoni tal-fruntieri u biex jiġu promossi għajxien alternattivi realistiċi f'komunitajiet marġinalizzati tal-fruntieri, implimentata mill-Kunsill Daniż tar-Refuġjati/il-Grupp Daniż għat-Tneħħija ta' Mini u International Alert, bi sħab ma' għadd ta' NGOs lokali. Twettqu attivitajiet ta' taħriġ taħt il-proġett PREV-UE (il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni).

Fuq it-talba tal-awtoritajiet Tuneżini, iż-żjara tat-TAIEX saret f'Jannar 2016 biex tiġi esplorata l-assistenza tal-UE għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni tal-fergħa tas-CT/is-sigurtà. Qed titħejja żjara min-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni. Delegazzjoni Tuneżina ġiet mistiedna wkoll fil-bini tal-Eurojust għal żjara ta' studju f'Marzu biex jiġu esplorati modi biex tittejjeb il-kooperazzjoni. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali hija nkoraggjata permezz tal-promozzjoni ta' strumenti tal-Kunsill tal-Ewropa.

Bejn il-15 u s-17 ta' Diċembru, il-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu (CTC) u l-Viċi Segretarju Ġenerali tas-SEAE għamlu żjara fil-**Ġordan**. Il-laqgħat mal-awtoritajiet Ġordanjani urew li hemm interess qawwi f'kooperazzjoni aktar profonda dwar il-finanzjament tat-terroriżmu, is-sigurtà tal-fruntieri u tal-avjazzjoni, u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti. Biex jiġi żviluppat fehim ċar tal-prijoritajiet konġunti, il-Gvern tal-Ġordan qabel li jospita workshop tas-CT li jinvolvi esperti mill-Istati Membri, li għandu jsir fil-15 ta' Marzu.

L-eżitu għandu jkun pjan direzzjonali konġunt li jenfasizza kemm l-iskala tal-kooperazzjoni eżistenti, inkluż proġett ta' EUR 10 miljuni biex tinbena l-kapaċità ta' kemm il-Gvern tal-Ġordan kif ukoll is-soċjetà ċivili biex jittrattaw l-isfida ta' estremiżmu vjolenti, kif ukoll li jindikaw oqsma ġodda għall-kooperazzjoni għas-CT, inklużi proġetti għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni għudizzjarja f'materji kriminali bl-istrumenti tal-Kunsill tal-Ewropa, u attività li tinvolvi lill-aġenziji tal-UE, inklużi l-Europol u s-CEPOL. Delegazzjoni minn-Netwerk tal-UE ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni żaret il-Ġordan kmieni f'Diċembru biex tiddiskuti r-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet.

Fis-26 u s-27 ta' Jannar 2016, sar djalogu dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-**Libanu**. Min-naħa tal-UE, ipparteċipaw is-CTC tal-UE, il-Viċi Segretarju Ġenerali tas-SEAE u d-Direttur għas-Sigurtà mid-DĠ HOME, kif ukoll l-Europol, is-CEPOL u l-FRONTEx. L-UE issa qed tiffinalizza pjan direzzjonali għall-kooperazzjoni tas-CT mal-awtoritajiet Libaniżi. Dan ser jirfed il-kooperazzjoni msaħħa fl-oqsma li ġejjin: il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, il-ġustizzja u l-infurzar tal-liġi; il-kooperazzjoni għudizzjarja f'materji kriminali; is-sigurtà tal-avjazzjoni; u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Iż-żewġ naħat qablu li l-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Europol u s-CEPOL, jista' jkollhom rwol sostantiv biex jinbnew rabtiet aktar b'saħħithom fl-infurzar tal-liġi. Abbażi tal-pjan direzzjonali, l-UE ser tiżviluppa pakkett ta' assistenza komprensiv dwar is-CT għal Libanu, abbażi tal-mudell tat-Tuneżija.

Fis-16 u s-17 ta' Frar 2016, is-CTC tal-EU u d-Deputat Segretarju Ġenerali tas-SEAE żaru l-**Alġerija**. Laqgħat ta' livell għoli mal-Ministri għall-Affarijiet Barranin, għall-Intern u għall-Affarijiet Reliġjużi tal-Magreb u s-Saħel u uffiċjali għolja tal-Ministeru tal-Ġustizzja wittew it-triq għal ftehim biex isir workshop dwar is-CT qabel is-sajf tal-2016 biex jiġu identifikati oqsma konkreti għal kooperazzjoni futura fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Oqsma possibbli għal kooperazzjoni futura jinkludu approċċ ta' ġustizzja kriminali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, assistenza lill-fergħat għudizzjarji speċjalizzati għas-CT, il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni/deradikalizzazzjoni, il-ġestjoni ta' kriżijiet wara attakk terroristiku, l-adeżjoni tal-Alġerija mal-konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, l-iżvilupp ta' testi legali, kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' Aġenziji tal-UE, u kooperazzjoni biex ikunu jistgħu jissaħħu l-kapaċitajiet tal-pajjiżi fir-reġjun. L-Alġerija pproponiet Djalogu Strateġiku dwar is-Sigurtà u l-Ġlieda kontra t-Terroriżmu. L-UE ser tibbenefika mill-għarfien espert tal-Alġerija, b'mod partikolari dwar id-deradikalizzazzjoni. Ġie skjerat espert tas-CT/is-sigurtà fid-delegazzjoni tal-UE fl-Alġier f'Diċembru 2015. Il-KPS/COSI ser jiġi infurmati dwar iż-żjara tat-3 ta' Marzu u ser jagħtu aktar gwida fir-rigward tat-triq 'il quddiem.

Wara l-workshop tas-CT mat-**Turkija** f'Ġunju 2015, huwa ppjanat djalogu aġġornat u mmirat dwar is-CT għar-rebbiegħa tal-2016 biex jiġi ffinalizzat ftehim li jistabbilixxi kooperazzjoni bejn l-UE u t-Turkija dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu f'għadd ta' oqsma ewlenin. Wara żjara minn tim tal-Europol f'Ankara kmieni fi Frar 2016, il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol approva l-proposta biex jintbagħat uffiċjal ta' kollegament mit-Turkija fil-Europol mill-aktar fis possibbli. L-UE qed tiffinalizza wkoll proġett iffinanzjat mill-IcSP dwar "It-titjib tal-effettività tal-azzjoni konġunta UE-Turkija fil-konfront ta' theddid minn ġellieda terroristi barranin." Dan ser jgħin fis-sensibilizzazzjoni tal-awtoritajiet tal-fruntieri Torok dwar it-trattament tal-isfida ta' immigrazzjoni ppreżentata minn ġellieda terroristi barranin li jirritornaw. Qed titħejja żjara f'Ankara min-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni.

Sar progress f'għadd ta' proġetti tas-CT immedija fl-2015: IcSP - proġett iffinanzjat fuq perijodu qasir dwar **is-sħubija** għal taħriġ kontra t-terroriżmu **bejn l-UE u l-pajjiżi tal-MENA** (li jiffoka fuq it-taħriġ fis-CT għat-Tuneżija, il-Libanu, il-Ġordan, it-Turkija u skambji u żjarat ta' studju għal sħab mir-reġjun tal-MENA) implimentat mis-CEPOL li beda l-operazzjonijiet tiegħu fi Frar 2016 (18-il xahar, baġit: EUR 2.5 miljun). Proġett dwar il-**komunikazzjoni strateġika** li jiffoka fuq it-Tuneżija, il-Marokk u l-Libanu u implimentat mill-British Council / RICU beda f'Novembru 2015 (18-il xahar, EUR 3.5 miljun).

It-tim tal-proġett diġà qed jaħdem biex jappoġġa lill-awtoritajiet Tuneżini, u fil-ġimgħat li ġejjin ser jagħmel żjarat għall-ġbir ta' informazzjoni f'Bejrut u f'Rabat. F'Novembru 2015, ġie skjerat tim tal-proġett għall-**Iraq** biex jappoġġa l-mekkaniżmi tal-aġenziji tas-sigurtà Iraqini għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni, kif ukoll il-konformità tagħhom mad-drittijiet tal-bniedem, f'kooperazzjoni mal-Konsulent għas-Sigurtà Nazzjonali (18-il xahar, IcSP fuq perijodu qasir, ta' EUR 3.5 miljun).

It-Task Force Għarbija għall-Komunikazzjoni Strateġika mmexxija mis-SEAE ffinalizzat il-pjan ta' azzjoni tagħha u qed tiżviluppa inizjattivi pilota f'pajjiżi magħżula fir-reġjun tal-MENA u fil-Kwartieri Ġenerali, u taħdem flimkien ma' proġetti relatati oħra, b'fokus partikolari biex jiġu mmirati ż-żgħażaġh. Qed titħejja Inizjattiva dwar iż-Żgħażaġħ u l-Ġlieda kontra r-Radikalizzazzjoni fl-Ewropa u l-pajjiżi tal-MENA taħt it-tmexxija tar-RGħ/VP Mogherini. Id-DĠ Edukazzjoni u Kultura qed jesplora biex **jestendi l-skambji virtwali tal-istudenti** għar-reġjun tal-MENA, billi jibni fuq in-netwerk eżistenti tal-eTwinning, li diġà huwa attiv fit-Tuneżija u fejn kważi 300 għalliem u 85 skola huma attwalment irreġistrati f'din il-pjattaforma online.

Abbażi ta' dokument mis-CTC tal-UE, f'Novembru u Diċembru 2015 il-COSI kellu żewġ diskussjonijiet dwar **użu akbar tal-għodod u l-Aġenziji tal-ĠAI fir-reġjun tal-MENA**.

L-UE tkompli tappoġġa l-isforzi tar-Rappreżentant Speċjali tan-NU, Staffan de Mistura, biex tinstab soluzzjoni politika għall-**konflitt tas-Sirja** li tinvolvi s-setgħat reġjonali. L-UE appoġġat ukoll il-Konferenza ta' Londra dwar is-Sirja li saret fl-4 ta' Frar u li rriżultat f'wegħdiet ġodda b'valur ta' madwar \$11-il biljun biex ir-reġjun jiġi megħjun jiffaċċa t-trauma kkawżata mill-konflitt tas-Sirja. L-appoġġ imwiegħed għal dawk il-pajjiżi fil-fruntieri tas-Sirja li kellhom jerfġu piż umanitarju enormi għandu jgħin biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar iż-żieda tar-radikalizzazzjoni. Abbozz tal-**Patti tal-UE bi tħejjija għall-Ġordan u l-Libanu** ser jenfasizzaw l-importanza ta' kooperazzjoni effettiva fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, kif ukoll il-ħtieġa ta' aktar progress fi kwistjonijiet soċjoekonomiċi u l-assorbiment tar-refuġjati.

Evalwazzjoni finali tal-proġett tas-CT iffinanzjat mill-Kummissjoni dwar is-**Sahel** (IcSP fuq perijodu twil) uriet li dan il-proġett qeda rwol strumentali fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għas-Sahel u l-Istrateġija tal-UE Kontra t-Terroriżmu. Bis-saħħa ta' dan il-proġett, l-UE żiedet il-kredibbiltà tagħha bħala attur tas-sigurtà fir-reġjun tas-Sahel. Diversi proġetti iffinanzjati mill-IcSP huma attwalment implimentati jew qed jitħejjew fuq livell reġjonali u dak tal-pajjiż fl-**Afrika**. Il-prijoritajiet huma l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, l-appoġġ tal-ġustizzja kriminali għas-CT, l-appoġġ pedagoġiku lill-iskejjel reliġjużi kif ukoll l-aspetti ġenerali tas-CT.

– ***Balkani tal-Punent***

L-isfidi ewlenin fir-reġjun jibqgħu l-prevenzjoni (inkluż fil-ħabsijiet), l-ivvjaġġar suspettuż (għallieda terroristi barranin), l-armi tan-nar u l-finanzjament tat-terroriżmu. Fit-3 u l-4 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill ĠAI adotta "L-Approċċ Integrattiv u Komplementari għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti fil-Balkani tal-Punent" (dok. 11625/3/15) u qabel li jimplimenta l-Pjan ta' Azzjoni Integrattiv tal-UE dwar l-Inizjattiva għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu fil-Balkani tal-Punent (WBCTi) 2015–2017 li ġie mħejji mill-Istati Membri ewlenin tal-UE mmexxija mis-Slovenja u l-Awstrija. Dan l-approċċ ta' governanza tas-sigurtà għandu l-għan li jikkoordina l-attivitajiet u l-inizjattivi relatati tas-CT/il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti (CVE) fir-reġjun, permezz tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali fuq livell politiku (Pjattaforma RCC), permezz tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni tal-Pulizija għax-Xlokk tal-Ewropa fuq livell strateġiku (pjattaforma PCC SEE) u permezz tal-Inizjattiva għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu fuq livell operazzjonali (pjattaforma CTI).

Il-Kummissjoni tappoġġa finanzjarjament l-implimentazzjoni tal-WBCTi permezz tal-Istrument ta' Qabel l-Adeżjoni. Ser ikun importanti li dan l-appoġġ ikompli u jiżdied fis-snin li ġejjin, inkluż permezz tal-provvista rapida tal-ġarfien espert tar-RAN. Diġà bdiet il-ħidma biex tiġi determinata l-aktar forma xierqa ta' assistenza mir-RAN.

– ***Sigurtà tal-Avjazzjoni***

L-attakki terroristiċi fuq it-titjira Metrojet f'Sinaj Ċentrali fil-31 ta' Ottubru 2015, u fuq titjira minn Mogadishu fid-9 ta' Frar huma tfakkira ċara tat-theddida li t-terroristi jippreżentaw lill-avjazzjoni ċivili. Wara l-inċident tal-Metrojet, il-Kummissjoni għenet biex tiġi kkoordinata l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost l-Istati Membri, il-korpi tal-UE u s-šhab internazzjonali. Għadd ta' Stati Membri kellhom ukoll diskussjonijiet biex jeżaminaw il-possibilità ta' approċċ komuni.

Fl-1 ta' Novembru 2015, beda l-proġett ta' erba' snin dwar **is-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili fl-Afrika u l-Peniżola Għarbija (CASE)**. Dan il-proġett għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet huwa ffinanzjat mill-Kummissjoni (EUR 7.5 miljun, IcSP fuq perijodu twil) u implimentat mill-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) supplimentat bl-ġarfien espert mill-Istati Membri (esperti fuq perijodu qasir). L-ewwel laqgħa tal-Grupp ta' Tmexxija tal-proġett CASE saret fit-3 ta' Frar 2016.

L-UE għandha tikkunsidra l-possibbiltà ta' appoġġ urġenti lil dawk l-ajruporti fir-reġjun tal-MENA u lil hinn minnu li l-aktar li jintużaw minn ċittadini Ewropej, jew fil-kuntest tal-proġett **CASE** jew permezz ta' miżuri ta' assistenza addizzjonali.

– ***Ġlieda kontra l-Estremiżmu Vjolenti" (CVE)***

Is-CVE hija karatteristika ewlenija tal-proġetti tal-UE għall-involvement estern li qed jiġi jtejjew/jiġu pprovduti f'għadd ta' pajjiżi u reġjuni ta' prijorità. Il-proġett tal-UE CT MORSE (Mekkaniżmu ta' Appoġġ għall-Monitoraġġ) ħareġ analiżi f'Novembru 2015 li enfasizzat li l-UE nefqet madwar EUR 142 miljun fuq proġetti relatati mas-CT/CVE madwar id-dinja. L-UE kellha laqgħa informali mal-Istati Uniti dwar is-CVE fit-13 ta' Jannar biex jiddiskutu l-koordinazzjoni tal-isforz. Huma previsti konsultazzjonijiet simili ma' šhab ewlenin oħrajn.